Ġabra tal-ġurisprudenza

KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
RANTOS
ippreżentati fil-15 ta’ Diċembru 2022[1]

**Kawża C-333/21**

**European Superleague Company SL**
**vs**
**Unión de Federaciones Europeas de Fútbol (UEFA),**
**Fédération internationale de futbol association (FIFA),**
**fil-preżenza ta’**
**A22 Sports Management SL,**
**Liga Nacional de Fútbol Profesional,**
**Real Federación Española de Fútbol**

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Juzgado de lo Mercantil n.º 17 de Madrid (il-Qorti Kummerċjali ta’ Madrid, Spanja))

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Kompetizzjoni – Artikoli 101 u 102 TFUE – Abbuż minn pożizzjoni dominanti – Artikoli 45 TFUE, 49 TFUE, 56 TFUE u 63 TFUE – European Super League (ESL) – L-ewwel kompetizzjoni Ewropea barra mill-UEFA – Rifjut ta’ rikonoxximent tal-ESL mill-UEFA u mill-FIFA – Awtorizzazzjoni minn qabel li tippermetti li entità terza torganizza kompetizzjoni ġdida – Theddida ta’ sanzjonijiet kontra l-klabbs u plejers li jipparteċipaw fil-kompetizzjoni l-ġdida – Drittijiet miksuba mill-kompetizzjonijiet u mill-kummerċjalizzazzjoni tagħhom”

## I. Introduzzjoni

1. “L-importanza ta’ din il-kawża hija ovvja. Ir-risposta għad-domanda dwar il-kompatibbiltà mad-dritt Komunitarju tas-sistema ta’ trasferimenti u tar-regoli dwar plejers barranin ser ikollha effett deċiżiv fuq il-futur tal-futbol professjonali fil-Komunità.” Dawn kienu l-ewwel kliem tal-Avukat Ġenerali Lenz fl-osservazzjonijiet preliminari tal-konklużjonijiet tiegħu fil-kawża li tat lok għas-sentenza Bosman, li xxukkjat id-dinja tal-futbol[2].

2. Kważi tliet deċennji wara, talba għal deċiżjoni preliminari, din id-darba minn Spanja, tqajjem kwistjonijiet relatati mal-eżistenza nnifisha tal-istruttura organizzazzjonali tal-futbol modern. Din il-kawża bdiet mill-pjan li tinħoloq il-European Super League (iktar ’il quddiem l-“ESL”), kompetizzjoni Ewropea ġdida tal-futbol, li kienet is-suġġett ta’ rappurtaġġ intensiv fil-midja li wassal għal reazzjonijiet u kummenti mimlija passjoni kemm min-naħa tas-“sempliċi” supporters

[1] Lingwa oriġinali: il-Franċiż.
[2] C-415/93, EU:C:1995:293, punt 56.

kif ukoll mill-ogħla awtoritajiet politiċi fil-livelli nazzjonali u Ewropej[3]. F'din il-kawża, il-futur tal-futbol Ewropew ser jiddependi mir-risposti li l-Qorti tal-Ġustizzja ser tagħti għal kwistjonijiet li huma prinċipalment marbuta mad-dritt tal-kompetizzjoni u, b'mod sekondarju, mal-libertajiet fundamentali.

3. Din it-talba tressqet mill-Juzgado de lo Mercantil n.º 17 de Madrid (il-Qorti Kummerċjali ta' Madrid, Spanja) fil-kuntest ta' tilwima bejn, minn naħa, il-Fédération internationale de futbol association (FIFA) u l-Union des associations européennes de futbol (UEFA) u, min-naħa l-oħra, l-European SuperLeague Company SL (iktar 'il quddiem l-"ESLC"), kumpannija li trid torganizza u tikkummerċjalizza kompetizzjoni Ewropea ġdida tal-futbol, li tkun alternattiva jew tikkompeti ma' dawk organizzati u kkummerċjalizzati sa issa minn dawn iż-żewġ federazzjonijiet, dwar dikjarazzjonijiet pubbliċi magħmula mill-FIFA u mill-UEFA li fihom għamlu ċar ir-rifjut li jawtorizzaw din il-kompetizzjoni ġdida u t-twissija dwar il-fatt li kull plejer jew klabb li jipparteċipa fiha ser jitkeċċa mill-kompetizzjonijiet organizzati mill-FIFA u mill-UEFA.

## II. Il-kuntest ġuridiku

### A. Ir-regoli adottati mill-FIFA

4. Skont l-Artikolu 22 tal-Istatuti tal-FIFA:

"1. L-assoċjazzjonijiet membri li jappartjenu għall-istess kontinent huma miġbura fi ħdan il-konfederazzjonijiet segwenti rrikonoxxuti mill-FIFA:

[…]

c) Union des associations européennes de football – UEFA

[…]

2. Il-FIFA tista', f'ċirkustanzi eċċezzjonali, tawtorizza konfederazzjoni biex taċċetta bħala membru lil xi assoċjazzjoni li ġeografikament tappartjeni għal kontinent ieħor li mhux affiljat mal-konfederazzjoni ta' dan il-kontinent. Għandha tinkiseb l-opinjoni tal-konfederazzjoni kkonċernata ġeografikament.

3. Kull konfederazzjoni għandha d-drittijiet u l-obbligi segwenti:

a) li tosserva u tiżgura li jiġu osservati l-[i]statuti, ir-regolamenti u d-deċiżjonijiet tal-FIFA;

b) li tikkollabora mill-qrib mal-FIFA f'kull qasam biex jintlaħaq l-għan imsemmi fl-Artikolu 2 u biex jiġu organizzati kompetizzjonijiet internazzjonali;

c) li torganizza l-kompetizzjonijiet interni tagħha stess bejn il-klabbs, b'konformità mal-kalendarju internazzjonali tal-logħob;

[3] Ara r-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Novembru 2021 dwar il-politika tal-UE dwar l-isport: valutazzjoni u toroq possibbli 'l quddiem (2021/2058(INI)).

d) li torganizza il-kompetizzjonijiet internazzjonali kollha tagħha b'konformità mal-kalendarju internazzjonali tal-logħob;

e) li tiżgura li l-ebda lig internazzjonali jew kwalunkwe grupp ta' klabbs jew ta' ligs bħal dawn ma jkunu fformati mingħajr il-kunsens tagħha jew dak tal-FIFA;

f) li, fuq talba tal-FIFA, tagħti, lill-assoċjazzjonijiet li għadhom ma humiex membri, l-istatus ta' membru provviżorju li jagħtihom id-dritt li jieħdu sehem fil-kompetizzjonijiet u fil-konferenzi;

[…]

j) li tawtorizza, f'ċirkustanzi eċċezzjonali u bil-kunsens tal-FIFA, assoċjazzjoni affiljati ma' konfederazzjoni oħra (jew klabbs li huma affiljati ma' dik l-assoċjazzjoni) biex tipparteċipa f'kompetizzjonijiet li tkun qiegħda torganizza;

k) li tieħu, bil-kollaborazzjoni reċiproka tal-FIFA, kwalunkwe miżura meqjusa neċessarja biex tiżviluppa l-logħba tal-futbol fil-kontinent ikkonċernat, bħall-programmi ta' żvilupp, organizzazzjoni ta' korsijiet, konferenzi, eċċ.;

[…]" [traduzzjoni mhux uffiċjali]

5. L-Artikolu 67(1) ta' dawn l-istatuti jipprevedi:

"Il-FIFA, l-assoċjazzjonijiet membri tagħha u l-konfederazzjonijiet huma s-sidien oriġinali tad-drittijiet kollha li joriġinaw mill-kompetizzjonijiet u minn avvenimenti oħra li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni rispettiva tagħhom, mingħajr ebda restrizzjoni dwar il-kontenut, il-ħin, il-post jew il-liġi […]". [traduzzjoni mhux uffiċjali]

6. L-Artikolu 68(1) tal-imsemmija statuti jipprevedi:

"Il-FIFA, l-assoċjazzjonijiet membri tagħha u l-konfederazzjonijiet huma esklużivament kompetenti biex jawtorizzaw ix-xandir tal-logħob u ta' avvenimenti li jaqgħu fil-ġurisdizzjoni tagħhom fuq mezzi, b'mod partikolari awdjoviżivi, u dan mingħajr ebda restrizzjoni dwar il-post, il-kontenut, il-ħin, l-aspetti tekniċi u l-aspetti legali." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

7. L-Artikolu 71 tal-istess statuti jipprevedi:

"1. Il-Kunsill għandu jkun responsabbli mill-ħruġ ta' regolamenti għall-organizzazzjoni ta' kompetizzjonijiet u logħob internazzjonali li jinvolvu timijiet rappreżentattivi, ligs, klabbs u/jew timijiet improvizzati. L-ebda logħba jew kompetizzjoni ma għandha ssir mingħajr l-awtorizzazzjoni minn qabel tal-FIFA, tal-konfederazzjonijiet u/jew tal-assoċjazzjoni membru kkonċernata. Il-modalitajiet huma rregolati mir-[r]egoli tal-logħob internazzjonali.

2. Il-Kunsill jista' jistipula dispożizzjonijiet relatati ma' dawn il-logħob u kompetizzjonijiet.

3. Il-Kunsill għandu jistabbilixxi l-kriterji għall-awtorizzazzjoni ta' formazzjonijiet li ma humiex koperti mir-[r]egoli tal-logħob internazzjonali.

4. Minkejja l-kompetenzi ta' awtorizzazzjoni previsti fir-[r]egoli tal-logħob internazzjonali, il-FIFA tista' tieħu deċiżjoni finali dwar l-awtorizzazzjoni ta' kwalunkwe logħba jew kompetizzjoni internazzjonali." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

8. L-Artikolu 72 tal-Istatuti tal-FIFA huwa fformulat kif ġej:

"1. Kwalunkwe plejer jew tim affiljat ma' assoċjazzjoni membru jew ma' membru ta' konfederazzjoni provviżorju ma jistax jilgħab logħob jew jagħmel kuntatti sportivi ma' plejers jew timijiet li ma humiex affiljati ma' assoċjazzjoni membri jew membru ta' konfederazzjoni provviżorju, mingħajr l-approvazzjoni tal-FIFA.

2. L-assoċjazzjonijiet membri u l-klabbs tagħhom ma jistgħux jilagħbu fit-territorju ta' assoċjazzjoni membru oħra mingħajr l-approvazzjoni ta' din tal-aħħar." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

9. L-Artikolu 73 ta' dawn l-istatuti jipprojbixxi lill-assoċjazzjonijiet, lil-ligs jew lill-klabbs li huma affiljati ma' assoċjazzjoni membru milli jissieħbu f'assoċjazzjoni membru oħra jew milli jieħdu sehem f'kompetizzjonijiet fit-territorju ta' dik l-assoċjazzjoni membru, għajr f'ċirkustanzi eċċezzjonali bl-approvazzjoni espressa tal-FIFA u tal-konferederazzjoni/jiet rispettivi.

## B. Ir-regoli adottati mill-UEFA

10. Bħall-Istatuti tal-FIFA, l-Artikoli 49 sa 51 tal-Istatuti tal-UEFA jagħtu monopolju lill-UEFA fir-rigward tal-organizzazzjoni tal-kompetizzjonijiet internazzjonali fl-Ewropa u l-kapaċità li tipprojbixxi li tali kompetizzjonijiet jiġu organizzati mingħajr approvazzjoni minn qabel tagħha. B'mod iktar preċiż, dawn l-artikoli huma fformulati kif ġej:

"Artikolu 49 – Kompetizzjonijiet

1. L-UEFA waħedha tiddeċiedi dwar l-organizzazzjoni u l-kanċellazzjoni ta' kompetizzjonijiet internazzjonali fl-Ewropa li fihom jieħdu sehem l-assoċjazzjonijiet u/jew il-klabbs tagħhom. Il-kompetizzjonijiet tal-FIFA ma humiex ikkonċernati minn din id-dispożizzjoni.

[…]

3. Il-logħbiet, il-kompetizzjonijiet jew it-tournaments internazzjonali li ma humiex organizzati mill-UEFA iżda li jintlagħbu fit-territorju tal-UEFA jeħtieġu l-awtorizzazzjoni minn qabel tal-FIFA u/jew tal-UEFA u/jew tal-assoċjazzjonijiet membri kompetenti, skont ir-regolamenti li jirregolaw il-logħbiet internazzjonali tal-FIFA u d-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni addizzjonali adottati mill-Kumitat Eżekuttiv tal-UEFA.

Artikolu 50 – Regolamenti għall-kompetizzjonijiet

1. Il-Kumitat Eżekuttiv għandu joħroġ regolamenti li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet tal-parteċipazzjoni u tal-organizzazzjoni tal-kompetizzjonijiet tal-UEFA. Dawn ir-regolamenti għandhom jipprevedu proċedura ta' sejħa għall-offerti ċara u trasparenti għall-kompetizzjonijiet kollha tal-UEFA, inklużi l-finali.

[…]

2. L-assoċjazzjonijiet u l-klabbs tagħhom huma impenjati bir-reġistrazzjoni tagħhom li josservaw l-istatuti, ir-regolamenti u d-deċiżjonijiet l-oħra tal-korpi kompetenti.

3. Id-dħul għal kompetizzjoni tal-UEFA jista' jiġi rrifjutat b'effett immedjat lil kwalunkwe assoċjazzjoni jew klabb involut direttament jew indirettament fi kwalunkwe attività li tista' tinfluwenza b'mod illegali r-riżultat ta' partita fil-livell nazzjonali jew internazzjonali, bla ħsara għal miżuri dixxiplinarji possibbli.

Artikolu 51 – Relazzjonijiet ipprojbiti

1. Ir-raggruppamenti jew l-alleanzi bejn assoċjazzjonijiet membri tal-UEFA jew bejn ligs jew klabbs affiljati direttament jew indirettament ma' assoċjazzjonijiet membri differenti tal-UEFA ma jistgħux jiġu fformati mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-UEFA.

2. Il-membri tal-UEFA jew il-ligs u l-klabbs affiljati tagħhom ma jistgħux jilagħbu jew jorganizzaw logħbiet barra mit-territorju tagħhom stess mingħajr il-permess tal-assoċjazzjonijiet membri." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

## III. Il-kawża prinċipali, id-domandi preliminari u l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

11. Il-FIFA, entità rregolata mid-dritt privat Svizzeru, hija l-organu eżekuttiv mondjali tal-futbol bil-għan, essenzjalment, li tippromwovi l-futbol u torganizza l-kompetizzjonijiet internazzjonali tagħha stess. Ifformata minn federazzjonijiet nazzjonali, hija tirrikonoxxi wkoll l-eżistenza ta' konfederazzjonijiet reġjonali tal-futbol – fosthom l-UEFA – li madankollu ma humiex membri tal-FIFA. Il-klabbs professjonali tal-futbol huma, minn naħa tagħhom, membri indiretti tal-FIFA, sa fejn jistgħu jkunu suġġett ta' miżuri dixxiplinari maħruġa minnha. Il-federazzjonijiet, il-konfederazzjonijiet u l-klabbs huma obbligati josservaw ir-regoli adottati mill-FIFA.

12. L-UEFA hija wkoll entità rregolata mid-dritt privat Svizzeru li hija l-organu ta' tmexxija tal-futbol fil-livell Ewropew. Il-funzjonijiet prinċipali tagħha jikkonsistu fis-sorveljanza u fl-istħarriġ tal-iżvilupp tal-futbol, fil-forom kollha tiegħu, fil-livell Ewropew. Il-ligs nazzjonali u l-klabbs Ewropew huma membri indiretti tal-UEFA, li torganizza kompetizzjonijiet internazzjonali ta' dawn il-klabbs kif ukoll ta' timijiet nazzjonali.

13. Skont l-Istatuti rispettivi tagħhom, il-FIFA u l-UEFA għandhom monopolju fir-rigward tal-awtorizzazzjoni u tal-organizzazzjoni ta' kompetizzjonijiet internazzjonali tal-futbol professjonali fl-Ewropa.

14. L-ESLC hija kumpannija rregolata mid-dritt Spanjol li qiegħda tippjana li torganizza l-ewwel kompetizzjoni Ewropea annwali tal-futbol indipendentament mill-UEFA, imsejħa ESL. L-azzjonisti ta' din il-kumpannija huma klabbs prestiġjużi tal-futbol Ewropej. Il-mudell ta' ġestjoni tagħha huwa bbażat fuq sistema ta' parteċipazzjoni "nofsha miftuħa" li tiġbor, minn naħa, bejn tnax sa ħmistax-il klabb tal-futbol professjonali bl-istatus ta' membri permanenti u, min-naħa l-oħra, numru li għadu jrid jiġi stabbilit ta' klabbs tal-futbol professjonali magħżula skont proċess stabbilit u li jkollhom l-istatus ta' "klabbs ikkwalifikati".

15. Fost il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu ssodisfatti minn dan il-proġett, hemm ir-rikonoxximent tal-ESL mill-FIFA u/jew l-UEFA bħala kompetizzjoni ġdida kompatibbli mal-Istatuti tagħhom jew, alternattivament, il-protezzjoni legali mogħtija mill-qrati u/jew

l-organi amministrattivi sabiex jippermettu lill-klabbs fondaturi jipparteċipaw fl-ESL filwaqt li jkomplu bil-parteċipazzjoni tagħhom fil-ligs, kompetizzjonijiet u tournaments nazzjonali rispettivi tagħhom.

16. Wara li tħabbar il-ħolqien tal-ESL, il-FIFA u l-UEFA ppubblikaw dikjarazzjoni komuni, fil-21 ta' Jannar 2021, sabiex juru r-rifjut tagħhom li jirrikonoxxu din l-entità ġdida u sabiex iwissu li kwalunkwe plejer jew klabb li jipparteċipa f'din il-kompetizzjoni l-ġdida ser jitkeċċa minn dawk organizzati mill-FIFA u l-konfederazzjonijiet tagħha. Permezz ta' komunikat ieħor għall-istampa tat-18 ta' April 2021, din id-dikjarazzjoni ġiet ikkonfermata mill-UEFA u minn federazzjonijiet nazzjonali oħra, u fakkret fil-possibbiltà li jiġu adottati miżuri dixxiplinari kontra parteċipanti fl-ESL. Dawn il-miżuri dixxiplinari jinvolvu, b'mod partikolari, l-esklużjoni ta' klabbs u ta' plejers li jipparteċipaw fl-ESL minn ċerti kompetizzjonijiet kbar Ewropej u mondjali.

17. Adita mill-ESLC, li tqis li l-aġir tal-FIFA u tal-UEFA għandu jkun ikklassifikat bħala "antikompetittiv" u inkompatibbli mal-Artikoli 101 u 102 TFUE, il-Juzgado de lo Mercantil n.º 17 de Madrid (il-Qorti Kummerċjali ta' Madrid), il-qorti tar-rinviju, sussegwentement iddeċidiet, fid-19 u fl-20 ta' April 2021, li l-azzjoni tagħha kienet ammissibbli, imbagħad ordnat, mingħajr proċedura kontradittorja, numru ta' miżuri ta' protezzjoni. Dawn il-miżuri kellhom l-għan, essenzjalment, li jipprevjenu kwalunkwe aġir min-naħa tal-FIFA jew tal-UEFA intiż sabiex itellef jew jostakola l-preparazzjoni u l-implimentazzjoni tal-ESL u l-parteċipazzjoni ta' klabbs u ta' plejers, b'mod partikolari, permezz ta' miżuri dixxiplinari jew ta' sanzjonijiet ta' esklużjoni mill-kompetizzjonijiet organizzati mill-UEFA u mill-FIFA.

18. Insostenn tat-talba għal deċiżjoni preliminari tagħha, il-qorti tar-rinviju, wara li ddefinixxiet l-attivitajiet ekonomiċi u s-swieq sostantivi u ġeografiċi kkonċernati – jiġifieri, minn naħa, l-organizzazzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta' kompetizzjonijiet internazzjonali tal-futbol fl-Ewropa u, min-naħa l-oħra, il-ġestjoni tad-diversi drittijiet sportivi li huma assoċjati magħhom, ikkunsidrat li l-FIFA u l-UEFA għandhom, fuq kull wieħed minn dawn l-iswieq, pożizzjoni ta' monopolju jew, tal-inqas, dominanti. F'dan il-kuntest, dik il-qorti għandha dubji dwar il-konformità mad-dritt tal-Unjoni ta' wħud mid-dispożizzjonijiet statutorji tal-FIFA u tal-UEFA u tat-theddid ta' sanzjonijiet jew tat-twissijiet maħruġa minn dawn il-federazzjonijiet fid-dawl, l-ewwel, tal-projbizzjoni ta' abbuż minn pożizzjoni dominanti stipulata fl-Artikolu 102 TFUE, it-tieni, tal-projbizzjoni ta' akkordji antikompetittivi prevista fl-Artikolu 101 TFUE u, it-tielet, tal-libertajiet fundamentali differenti protetti mit-Trattat FUE, sa fejn dawn jistgħu jintużaw sabiex tiġi prekluża kwalunkwe inizjattiva privata li tista' tikkompeti fis-settur tal-kompetizzjonijiet tal-futbol.

19. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Juzgado de lo Mercantil n.º 17 de Madrid (il-Qorti Kummerċjali ta' Madrid) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel id-domandi preliminari segwenti lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"1) L-Artikolu 102 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li l-imsemmi artikolu jipprojbixxi abbuż ta' pożizzjoni dominanti li jikkonsisti f'li l-FIFA u l-UEFA jistabbilixxu fl-Istatuti tagħhom (b'mod partikolari, l-Artikoli 22 u 71 sa 73 tal-Istatuti tal-FIFA, l-Artikoli 49 u 51 tal-Istatuti tal-UEFA, kif ukoll kwalunkwe artikolu simili inkluż fl-istatuti tal-assoċjazzjonijiet membri u l-ligs nazzjonali) li hija meħtieġa awtorizzazzjoni minn qabel minn dawn l-entitajiet, li taw lilhom infushom il-kompetenza esklużiva sabiex jorganizzaw jew jawtorizzaw kompetizzjonijiet internazzjonali ta' klabbs fl-Ewropa, sabiex entità terza tistabbilixxi

kompetizzjoni ġdida ta' klabbs pan-Ewropea [bħall-ESL], b'mod partikolari fejn ma teżisti ebda proċedura rregolata, ibbażata fuq kriterji oġġettivi, trasparenti u nondiskriminatorji, u fid-dawl ta' kunflitt ta' interessi potenzjali li jaffettwa lill-FIFA u lill-UEFA?

2) L-Artikolu 101 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li l-imsemmi artikolu jipprojbixxi lill-FIFA u lill-UEFA milli jirrikjedu fl-istatuti tagħhom (b'mod partikolari l-Artikoli 22 u 71 sa 73 tal-Istatuti tal-FIFA, l-Artikoli 49 u 51 tal-Istatuti tal-UEFA, kif ukoll kwalunkwe artikolu simili inkluż fl-istatuti tal-assoċjazzjonijiet membri u l-ligs nazzjonali) awtorizzazzjoni minn qabel mingħand dawn l-entitajiet, li taw lilhom infushom il-kompetenza esklużiva sabiex jorganizzaw jew jawtorizzaw kompetizzjonijiet internazzjonali fl-Ewropa, sabiex entità terza tkun tista' toħloq kompetizzjoni ta' klabbs pan-Ewropea [bħall-ESL], b'mod partikolari fejn ma teżisti ebda proċedura rregolata, ibbażata fuq kriterji oġġettivi u nondiskriminatorji, u fid-dawl ta' kunflitt ta' interessi potenzjali li jaffettwa lill-FIFA u lill-UEFA?

3) [L-Artikolu 101 TFUE u l-Artikolu 102 TFUE] għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-imsemmija artikoli jipprojbixxu aġir mill-FIFA, mill-UEFA, mill-assoċjazzjonijiet membri tagħhom u/jew mil-ligs nazzjonali li jikkonsisti fit-theddida li jiġu adottati sanzjonijiet kontra l-klabbs li jipparteċipaw [fl-ESL] u/jew il-plejers tagħhom, minħabba d-deterrent li tali sanzjonijiet jistgħu joħolqu? Jekk jiġu adottati s-sanzjonijiet li jinvolvu esklużjoni minn kompetizzjonijiet jew projbizzjoni mill-parteċipazzjoni f'logħob ta' timijiet nazzjonali, tali sanzjonijiet, jekk ma kinux ibbażati fuq kriterji oġġettivi, trasparenti u nondiskriminatorji, ikunu jikkostitwixxu ksur [tal-Artikolu 101 TFUE u tal-Artikolu 102 TFUE]?

4) [L-Artikolu 101 TFUE u l-Artikolu 102 TFUE] għandhom jiġu interpretati fis-sens li d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 67 u 68 tal-Istatuti tal-FIFA huma inkompatibbli ma' dawn l-artikoli sa fejn dawn jidentifikaw lill-UEFA u lill-federazzjonijiet nazzjonali membri tagħha bħala 'sidien oriġinali tad-drittijiet kollha li joriġinaw mill-kompetizzjonijiet [...] taħt il-ġurisdizzjoni rispettiva tagħhom' [traduzzjoni mhux uffiċjali], li jċaħħad lill-klabbs parteċipanti u lil kwalunkwe organizzaturi ta' kompetizzjonijiet alternattivi mis-sjieda oriġinali ta' dawn id-drittijiet u jagħtu lilhom infushom responsabbiltà esklużiva għall-kummerċjalizzazzjoni tagħhom?

5) Jekk il-FIFA u l-UEFA, bħala entitajiet li taw lilhom infushom il-kompetenza esklużiva sabiex jorganizzaw u jawtorizzaw kompetizzjonijiet ta' klabbs tal-futbol internazzjonali fl-Ewropa, kellhom jipprojbixxu jew jopponu, abbażi tad-dispożizzjonijiet imsemmija iktar 'il fuq tal-istatuti tagħhom, l-iżvilupp ta[l-ESL], l-Artikolu 101 TFUE jkollu jiġi interpretat fis-sens li dawn ir-restrizzjonijiet fuq il-kompetizzjoni jkunu jistgħu jibbenefikaw mill-eċċezzjoni stabbilita f'din id-dispożizzjoni, abbażi tal-fatt li l-produzzjoni hija sostanzjalment limitata, il-ħolqien ta' prodotti alternattivi għal dawk offruti mill-FIFA/UEFA fis-suq huwa prekluż u l-innovazzjoni hija ristretta, billi formats u arranġamenti oħrajn huma preklużi, u b'dan il-mod tiġi eliminata kompetizzjoni potenzjali fis-suq u tiġi limitata l-għażla tal-konsumatur? Tali restrizzjoni tkun tibbenefika minn ġustifikazzjoni oġġettiva li tkun tagħmilha possibbli li jitqies li ma hemmx abbuż ta' pożizzjoni dominanti fis-sens tal-Artikolu 102 TFUE?

6) L-Artikoli 45, 49, 56 u/jew 63 TFUE għandhom jiġu interpretati fis-sens li, billi tirrikjedi awtorizzazzjoni minn qabel tal-FIFA u l-UEFA għall-istabbiliment, minn operatur ekonomiku ta' Stat Membru, ta' kompetizzjoni ta' klabbs pan-Ewropea bħa[ll-ESL], dispożizzjoni bħal dik inkluża fl-Istatuti tal-FIFA u tal-UEFA (b'mod partikolari, l-Artikoli 22 u 71 sa 73 tal-Istatuti tal-FIFA, l-Artikoli 49 u 51 tal-Istatuti tal-UEFA, kif ukoll kwalunkwe

artikolu simili inkluż fl-istatuti tal-assoċjazzjonijiet nazzjonali membri [u] il-ligs nazzjonali) tikkostitwixxi restrizzjoni kuntrarja għal xi libertà fundamentali rrikonoxxuta f'dawn id-dispożizzjonijiet?"

20. Ġew ippreżentati osservazzjonijiet bil-miktub lill-Qorti tal-Ġustizzja, bħala partijiet fil-kawża prinċipali, mill-ESLC, minn A22 Sports Management SL (iktar 'il quddiem "A22")[4], mill-FIFA, mill-UEFA u mil-Liga Nacional de Fútbol Profesional (LNFP)[5]. Ġew ippreżentati wkoll osservazzjonijiet bil-miktub, fuq id-domandi preliminari mressqa kollha jew partijiet minnhom, mill-Gvern Spanjol, Ċek, Daniż, Irlandiż, Franċiż, Kroat, Taljan, Lussemburgiż, Ungeriż, Pollakk, Portugiż, Rumen, Slovakk, Svediż u Islandiż kif ukoll mill-Kummissjoni Ewropea. Saru osservazzjonijiet orali, waqt is-seduta għas-sottomissjonijiet orali li saret fil-11 u fit-12 ta' Lulju 2022, mill-ESLC, minn A22, mill-FIFA, mill-UEFA, mil-LNFP, mir-Real Federación Española de Fútbol (RFEF)[6], mill-Gvern Spanjol, Ċek, Daniż, Ġermaniż, Estonjan, Irlandiż, Grieg, Franċiż, Kroat, Taljan, Ċiprijott, Litwan, Ungeriż, Malti, Awstrijak, Pollakk, Portugiż, Rumen, Sloven, Svediż u Norveġiż kif ukoll mill-Kummissjoni.

## IV. Analiżi

### A. Fuq l-ammissibbiltà tad-domandi preliminari

21. Għandu jiġi rrilevat li l-ammissibbiltà tat-talba għal deċiżjoni preliminari ġiet ikkontestata, fuq tliet punti, mill-UEFA u mil-LNFP, kif ukoll, kemm fl-intier tagħha jew parzjalment, minn uħud mill-partijiet ikkonċernati, jiġifieri l-Gvern Irlandiż, Franċiż, Ungeriż, Rumen u Slovakk.

22. Fl-ewwel lok, fir-rigward tal-argument ibbażat fuq in-natura allegatament ipotetika tal-kawża prinċipali[7], jidhirli utli li jitfakkar li din il-kawża toriġina mill-oppożizzjoni, pubblikament manifestata mill-FIFA u mill-UEFA, għall-proġett imħabbar mill-ESLC. Il-fatt li dan il-proġett kien għadu qiegħed jiżviluppa meta tħabbar u li, minn dakinhar 'l hawn kien twaqqaf, bl-ebda mod ma jaffettwa din l-oppożizzjoni, li kienet ibbażata fuq uħud mir-regoli ta' dawn iż-żewġ federazzjonijiet u li l-qorti tar-rinviju tikkontesta l-kompatibbiltà tagħhom mar-regoli ta' kompetizzjoni. Barra minn hekk, xejn ma juri li l-ESLC ma baqgħetx teżisti jew li kienet irtirat l-azzjoni li minnha oriġinat it-tilwima fil-kawża prinċipali. Għalhekk, it-tilwima tidher li għadha teżisti u tippersisti, l-istess bħar-rilevanza tal-kwistjonijiet tad-dritt ekonomiku li huma relatati magħha.

23. Fit-tieni lok, fir-rigward tal-kontenut tat-talba għal deċiżjoni preliminari, li allegatament ma tosservax ir-rekwiżiti relatati mal-qafas regolatorju u fattwali li fih il-qorti tar-rinviju titlob l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni[8], għalkemm din it-talba ma tindirizzax il-kwistjonijiet kollha ta' dritt li jirriżultaw mir-relazzjonijiet bejn l-eżerċizzju tal-attività sportiva, ir-regolamentazzjoni tagħha u d-dritt ekonomiku tal-Unjoni, hemm lok li jiġi kkonstatat li d-domandi magħmula mill-qorti tar-rinviju huma ppreżentati b'mod iddettaljat, argumentat u

[4] A22 tippreżenta ruħha bħala kumpannija li tipprovdi servizzi relatati mal-ħolqien u mal-ġestjoni ta' kompetizzjonijiet internazzjonali tal-futbol, li tixtieq taċċedi għas-suq tal-organizzazzjoni u tal-kummerċjalizzazzjoni tagħhom b'rabta mal-konċepiment u mal-implimentazzjoni tal-ESL.

[5] L-LNFP tippreżenta ruħha bħala assoċjazzjoni rrikonoxxuta mil-liġi u li tagħha l-klabbs tal-futbol professjonali kollha li jilagħbu fl-ewwel u fit-tieni diviżjoni tal-kampjonat tal-Lig nazzjonali fi Spanja huma legalment obbligati li jkunu membri.

[6] L-RFEF hija l-federazzjoni nazzjonali tal-futbol fi Spanja.

[7] Il-Gvern Irlandiż, Franċiż, Ungeriż u Rumen qajmu n-natura ipotetika tat-tilwima.

[8] Il-Gvern Franċiż, Ungeriż, Rumen u Slovakk esprimew dubji dwar il-kontenut stess tat-talba għal deċiżjoni preliminari.

huma sostnuti b'riferimenti preċiżi għall-punti fattwali u regolamentari li dehrulha li huma rilevanti. Il-fatt li din it-talba tinkludi dikjarazzjonijiet u evalwazzjonijiet li l-korrettezza tagħhom hija dibattibbli ma huwiex, fih innifsu, tali li jwassal għall-inammissibbiltà totali jew parzjali tagħha.

24. Fit-tielet u l-aħħar lok, it-talba għal deċiżjoni preliminari hija allegatament ivvizzjata minħabba irregolaritajiet proċedurali marbuta b'mod partikolari man-natura kawtelatorja tal-proċedura u l-assenza ta' dibattitu kontradittorju[9]. Madankollu, il-fatt li l-Qorti tal-Ġustizzja hija adita fil-qafas preliminari ta' proċedura ta' natura protettiva jew preventiva ma jimplikax l-inammissibbiltà tat-talba peress li l-qorti tar-rinviju spjegat ir-raġunijiet li għalihom din kienet neċessarja sabiex tippermettilha tagħti d-deċiżjoni tagħha u osservat ir-rekwiżiti l-oħra kemm proċedurali kif ukoll sostantivi fid-deċiżjoni tar-rinviju tagħha.

## B. Osservazzjonijiet preliminari

25. Permezz tad-domandi preliminari tagħha, il-qorti tar-rinviju tistieden lill-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi, essenzjalment, fuq il-kompatibbiltà mar-regoli ta' kompetizzjoni u, b'mod sekondarju, mal-libertajiet ekonomiċi fundamentali protetti mit-Trattat FUE, ta' numru ta' regoli adottati mill-FIFA u mill-UEFA, bħala federazzjonijiet li jamministraw, fl-aspetti kollha tiegħu, il-futbol fil-livelli mondjali u Ewropew, u li jirrigwardaw l-organizzazzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta' kompetizzjonijiet tal-futbol fl-Ewropa.

26. Qabel ma nipproċedi għall-analiżi tad-domandi preliminari mressqa, jidhirli li huwa utli li nagħmel xi osservazzjonijiet dwar ir-relazzjoni bejn l-isport u d-dritt tal-Unjoni.

### *1. Fuq l-Artikolu 165 TFUE u l-"mudell sportiv Ewropew"*

27. Minkejja li l-isport inizjalment ma kienx kopert mit-Trattati fundaturi tal-Unjoni Ewropea, il-konferma tan-natura speċjali tiegħu u l-inklużjoni tiegħu fl-Artikolu 165 TFUE bit-Trattat ta' Lisbona kienu l-kulminu ta' evoluzzjoni inkuraġġiti u promossa mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni.

28. L-Artikolu 165 TFUE ħa inkunsiderazzjoni l-importanza soċjali sinjifikattiva li għandha l-attività sportiva fl-Unjoni[10] billi ppreveda mhux biss li "[l]-Unjoni għandha tikkontribwixxi għat-tmexxija l-quddiem tal-kwistjonijiet Ewropej ta' l-Isports, waqt li tieħu in kunsiderazzjoni n-natura speċifika tiegħu, l-istrutturi tiegħu ibbażati fuq il-volontarjat u l-funzjoni soċjali u edukattiva tiegħu" (paragrafu 1), iżda wkoll li l-għanijiet tal-azzjoni tal-Unjoni għandhom ikunu mmirati lejn "l-iżvilupp tad-dimensjoni Ewropea fl-isport, billi tkun promossa l-ġustizzja u t-trasparenza fil-kompetizzjonijiet sportivi u l-koperazzjoni bejn il-korpi responsabbli mill-isport, u billi tkun protetta l-integrità fiżika u morali ta' l-isportivi" (paragrafu 2).

29. Barra minn hekk, il-kliem tal-Artikolu 165 TFUE kkristallizza l-konklużjoni ta' serje ta' inizjattivi li kienu ttieħdu mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni, mis-snin 1990 'il quddiem, wara sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja – u b'mod partikolari s-sentenza Bosman[11] – fil-kuntest tal-istabbiliment ta' politika sportiva Ewropea. B'hekk, l-ewwel pedamenti tar-rikonoxximent tan-natura speċifika tal-isport saru permezz ta' dikjarazzjoni komuni dwar

[9] Il-Gvern Slovakk qies li t-talba għal deċiżjoni preliminari kienet ivvizzjata minn ċerti irregolaritajiet proċedurali.

[10] Ara s-sentenza tal-15 ta' Diċembru 1995, Bosman (C-415/93, EU:C:1995:463, punt 106).

[11] Sentenza tal-15 ta' Diċembru 1995 (C-415/93, EU:C:1995:463).

l-isport annessa mat-Trattat ta' Amsterdam[12], segwita mir-rapport tal-Kummissjoni[13] li rrikonoxxa n-natura speċifika tal-isport b'mod partikolari fil-kuntest tal-applikazzjoni tad-dritt tal-kompetizzjoni[14]. Abbażi ta' dan ir-rapport, il-Kunsill Ewropew ta' Nice ppubblika dikjarazzjoni li kien jimmarka pass ieħor fir-rikonoxximent tan-natura speċifika tal-isport billi talab lill-Komunità tieħu inkunsiderazzjoni funzjonijiet soċjali, edukattivi u kulturali tal-isport fl-azzjoni tagħha bis-saħħa ta' dispożizzjonijiet differenti tat-Trattat sabiex tissalvagwardja r-rwol soċjali tal-isport[15]. Din l-inizjattiva ġiet segwita, matul is-sena 2007, mill-White Paper dwar l-Isport mill-Kummissjoni[16], l-aħħar pass qabel l-introduzzjoni tal-Artikolu 165 TFUE fit-Trattat ta' Lisbona fis-sena 2009.

30. Dan l-Artikolu 165 jesprimi, barra minn hekk, ir-rikonoxximent "kostituzzjonali" tal-"mudell sportiv Ewropew", ikkaratterizzat minn sensiela ta' elementi li japplikaw għal diversi dixxiplini sportivi fil-kontinent Ewropew, inkluż il-futbol. Dan il-mudell huwa bbażat, l-ewwel, fuq *struttura piramidali*, fejn fil-bażi tagħha hemm l-isport amatorjali u, fuq nett tagħha, l-isport professjonali. It-tieni, l-għanijiet prinċipali tiegħu jinkludu l-promozzjoni ta' *kompetizzjonijiet miftuħa*, aċċessibbli għal kulħadd permezz ta' sistema trasparenti fejn il-promozzjoni u r-relegazzjoni jżommu bilanċ kompetittiv u jagħtu prijorità lill-mertu sportiv, li huwa wkoll element essenzjali ta' dan il-mudell. Dan il-mudell huwa bbażat, finalment, fuq *sistema ta' solidarjetà finanzjarja*, li tippermetti li d-dħul iġġenerat mill-avvenimenti u l-attivitajiet fuq livell professjonali jitqassmu mill-ġdid u jiġu investiti mill-ġdid fil-livelli inferjuri tal-isport.

31. Il-federazzjonijiet sportivi għandhom rwol kruċjali fil-kuntest tal-"mudell sportiv Ewropew", b'mod partikolari minn perspettiva organizzazzjonali, sabiex tiġi żgurata l-osservanza u l-applikazzjoni uniformi tar-regoli li jirregolaw id-dixxiplini sportivi kkonċernati. Barra minn hekk, dan ir-rwol ġie rrikonoxxut mill-Qorti tal-Ġustizzja, li ddeċidiet li għandhom ikunu l-federazzjonijiet sportivi li jistabbilixxu r-regoli adottati għall-organizzazzjoni ta' dixxiplina sportiva u li d-delegazzjoni ta' din il-funzjoni lill-federazzjonijiet sportivi hija, bħala regola, iġġustifikata mill-fatt li dawn tal-aħħar għandhom l-għarfien u l-esperjenza neċessarja sabiex iwettqu tali funzjoni[17]. Storikament organizzat skont il-prinċipju ta' "f'post wieħed" (*Ein-Platz-Prinzip*), li permezz tiegħu l-federazzjonijiet jeżerċitaw, fil-ġurisdizzjoni ġeografika tagħhom, monopolju dwar il-governanza u l-organizzazzjoni tal-isport, dan il-mudell issa qiegħed jiġi kkontestat.

32. Għandu jiġi rrilevat ukoll li l-"mudell sportiv Ewropew" ma huwiex statiku. Fil-fatt, l-istrutturi sportivi Ewropej u l-modalità ta' governanza tagħhom żviluppaw ħafna drabi taħt l-influwenza ta' mudelli oħra stabbiliti barra mill-kontinent Ewropew. B'hekk, fid-dawl tad-diversità tal-istrutturi sportivi Ewropej, huwa għalhekk diffiċli li jiġi ddefinit fid-dettall mudell uniku wieħed għall-organizzazzjoni tal-isport fl-Ewropa. Jeżistu mudelli ta' governanza oħra għal sports individwali u kollettivi li huma differenti f'ċerti aspetti, fid-dawl tal-karatteristiċi tekniċi u

12 Dikjarazzjonijiet adottati mill-Konferenza, Dikjarazzjoni Nru 29 dwar l-isport, 2 ta' Ottubru 1997 (ĠU 1997, C 340, p. 136)

13 Rapport mill-Kummissjoni lill-Kunsill Ewropew bil-ħsieb li jiġu salvagwardjati l-istrutturi sportivi attwali u tinżamm il-funzjoni soċjali tal-isport fi ħdan il-qafas Komunitarju tal-10 ta' Diċembru 1999 (Rapport ta' Ħelsinki dwar l-Isport) (COM (1999) 644 final).

14 Dan ir-rapport kien jispjega, fost l-oħrajn, fil-punt 4.2.1 tiegħu, li l-applikazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni tat-Trattat fis-settur tal-isport għandha tieħu inkunsiderazzjoni l-karatteristiċi speċifiċi tal-isport, b'mod partikolari l-interdipendenza bejn l-attività sportiva u l-attivitajiet ekonomiċi ġġenerati minnha, il-prinċipju tal-ugwaljanza tal-opportunitajiet u dak tal-inċertezza tar-riżultati.

15 Kunsill Ewropew ta' Nice, 7-9 ta' Diċembru 2000, Konklużjonijiet tal-Presidenza, Anness IV: Dikjarazzjoni dwar il-karatteristiċi speċifiċi tal-isport u tal-funzjonijiet soċjali tiegħu fl-Ewropa li għandhom jiġu kkunsidrati fl-implimentazzjoni tal-politiki komuni, paragrafu 1.

16 White Paper dwar l-Isport, 11 ta' Lulju 2007 (COM(2007) 391 final).

17 Sentenza tal-11 ta' April 2000, Deliège (C-51/96 u C-191/97, EU:C:2000:199, punti 67 u 68).

organizzazzjonali tagħhom, mill-mudell li fuqu huwa bbażat bħalissa l-futbol Ewropew[18]. Madankollu, l-introduzzjoni ta' mudelli differenti sportivi fl-Ewropa ma għandhiex tikkontesta l-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 165 TFUE, jew timponi arranġamenti reċiproċi intiżi sabiex "jistandardizzaw" il-mudelli differenti li jeżistu fl-istess ħin u, wisq inqas, sabiex tneħħi l-"istrutturi bbażati fuq attività volontarja".

## *2. Fuq il-kontestazzjoni tal-"mudell sportiv Ewropew"*

33. Kif ġie ikkonstatat fil-punt 30 ta' dawn il-konklużjonijiet, il-"mudell sportiv Ewropew" huwa kkaratterizzat b'mod partikolari mill-ftuħ tal-kompetizzjonijiet tiegħu, fejn il-parteċipazzjoni fihom hija bbażata fuq il-"mertu sportiv" permezz ta' sistema ta' promozzjoni u ta' relegazzjoni. Huwa għalhekk differenti mill-mudell Nord-Amerikan, ibbażat prinċipalment fuq kompetizzjonijiet jew ligs "magħluqa", li fihom il-parteċipazzjoni tal-klabbs li huma impriżi ta' franchise hija żgurata, stabbilita minn qabel, u bbażata fuq dħul bil-flus[19]. Jista' jiġi osservat li huwa proprju b'reazzjoni għall-mudelli l-oħra eżistenti li l-leġiżlatur tal-Unjoni ddeċieda li jinkludi l-kunċett ta' "mudell sportiv Ewropew" fit-Trattat sabiex jagħmel distinzjoni ċara bejnu u dawn il-mudelli l-oħra u sabiex jiżgura l-protezzjoni tiegħu bl-adozzjoni tal-Artikolu 165 TFUE.

34. Li kieku dan ma huwiex il-każ, dan l-artikolu ma jkollux raġuni għalfejn ġie introdott. Huwa ċar li dan ma ġiex introdott biss sabiex jipproteġi l-isport amatorjali. Fil-fatt, ma hemm bżonn l-ebda garanzija istituzzjonali, u b'mod partikolari fil-livell tat-Trattat FUE, sabiex jippermetti lil kwalunkwe persuna tipprattika sport b'mod individwali jew tistabbilixxi assoċjazzjonijiet sportivi amatorjali. L-imsemmi artikolu ġie introdott preċiżament minħabba l-fatt li l-isport huwa, fl-istess ħin, settur li fih tiġi eżerċitata attività ekonomika sinjifikattiva. L-introduzzjoni tal-Artikolu 165 TFUE hija intiża għalhekk sabiex tenfasizza n-natura soċjali partikolari ta' din l-attività ekonomika li tista' tiġġustifika differenza ta' trattament f'ċerti aspetti. Għandu jiġi nnotat, b'mod iktar partikolari, li t-termini li ġew użati b'mod speċifiku fil-formulazzjoni ta' dan l-artikolu (fosthom b'mod partikolari dawk ta' "strutturi tiegħu ibbażati fuq il-volontarjat", "funzjoni soċjali", "dimensjoni Ewropea fl-isport", "ġustizzja u t-trasparenza fil-kompetizzjonijiet sportivi", "koperazzjoni bejn il-korpi responsabbli mill-isport") juru n-natura speċjali ta' dan il-mudell li l-leġiżlatur tal-Unjoni jixtieq jipproteġi.

35. L-Artikolu 165 TFUE ma jistax, ovvjament, jiġi interpretat b'mod iżolat, bi ksur tar-rekwiżiti previsti fl-Artikoli 101 u 102 TFUE, li huma applikabbli wkoll fil-qasam tal-isport (b'mod partikolari meta l-attivitajiet inkwistjoni għandhom dimensjoni ekonomika). L-istess huwa l-każ f'dak li jirrigwarda l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-kompetizzjoni f'dan is-settur. Madankollu, l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat FUE għall-qasam sportiv ma għandhiex tkun limitata biss għall-Artikoli 101 u 102 TFUE, peress li l-Artikolu 165 TFUE jista' jservi wkoll bħala standard fl-interpretazzjoni u fl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet iċċitati iktar 'il fuq tad-dritt tal-kompetizzjoni. L-Artikolu 165 TFUE jikkostitwixxi għalhekk, fil-qasam tiegħu, dispożizzjoni speċifika meta mqabbel mad-dispożizzjonijiet ġenerali tal-Artikoli 101 u 102 TFUE, li għandhom japplikaw għal kwalunkwe attività ekonomika. L-ebda dispożizzjoni tat-Trattat FUE ma tirrikjedi, *ab initio*, applikazzjoni esklużiva jew predominanti meta mqabbla

[18] F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li l-ħolqien ta' ligs magħluqa (jew "semimiftuħa") fil-kuntest ta' ċerti dixxiplini sportivi fl-Ewropa jidher iġġustifikat mill-fatt li l-popolarità tagħhom tvarja b'mod sinjifikattiv bejn l-Istati Membri differenti, b'tali mod li kemm minn perspettiva sportiva (b'mod partikolari sabiex jiġi stabbilit ekwilibriju kompetittiv bejn il-klabbs differenti) kif ukoll minn perspettiva kummerċjali (peress li l-interess kummerċjali għal tali avvenimenti huwa iktar limitat), forma ta' kompetizzjoni li tillimita l-parteċipazzjoni tal-klabbs tidher li hija l-iktar adattata.

[19] Dan japplika fil-każ tal-ligs nazzjonali tal-isports prinċipali Amerikani, in-National Basketball Association (NBA) għall-basketball, in-National Football League (NFL) għall-futbol Amerikan, il-Major League Baseball (MLB) għall-baseball u n-National Hockey League (NHL) għall-hockey fuq is-silġ.

mad-dispożizzjonijiet l-oħra, peress li r-relazzjoni tagħhom hija, effettivament, irregolata mill-prinċipju ta' speċjalità. Barra minn hekk, l-Artikolu 165 TFUE huwa, min-natura tiegħu stess, dispożizzjoni "orizzontali", sa fejn din għandha tkun ikkunsidrata fl-implimentazzjoni ta' politiki oħra tal-Unjoni. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 7 TFUE, il-politiki differenti tal-Unjoni għandhom jiġu implimentati b'mod koerenti, filwaqt li jiġu kkunsidrati l-għanijiet kollha intiżi sabiex jipproteġu l-Unjoni.

36. F'dan ir-rigward, ninnota li l-influwenza tal-"mudelli alternattivi" imsemmija fil-punt 33 ta' dawn il-konklużjonijiet kif ukoll il-liberalizzazzjoni tal-ekonomija tal-isport wasslu għal movimenti li jikkontestaw il-monopolju eżerċitat minn ċerti federazzjonijiet sportivi Ewropej, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda l-organizzazzjoni u l-ġestjoni kummerċjali tal-kompetizzjonijiet li jħallu l-iktar profitti. Minn perspettiva ekonomika, dawn il-movimenti "separatisti" – ħafna drabi mibdija mill-klabbs affiljati ma' dawn il-federazzjonijiet sportivi – kellhom bħala għan prinċipali li jimmassimizzaw id-dħul finanzjarju mill-ġestjoni kummerċjali ta' dawn il-kompetizzjonijiet permezz ta' bidla fl-istruttura u fil-mudell organizzazzjonali ta' dawn tal-aħħar, li sa dakinhar kienu għadhom taħt l-awspiċju ta' dawn il-federazzjonijiet. F'dak li jirrigwarda l-futbol Ewropew, ma hemmx xejn ġdid fix-xewqa li jinħoloq lig jew kompetizzjoni magħluqa (jew "semi-miftuħa"), kif jixhdu t-tentattivi li jinħolqu kompetizzjonijiet li jikkompetu ma' dawk tal-UEFA li seħħew matul is-snin 1990 u 2000, iżda li ma kellhomx riżultati konkreti[20].

37. Minn perspettiva legali, il-kontestazzjoni tal-mudell ta' governanza tal-federazzjonijiet sportivi ħafna drabi kienet ibbażata fuq id-dritt tal-kompetizzjoni. B'hekk, il-kontestazzjonijiet li saru quddiem l-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni, il-Kummissjoni u l-qrati nazzjonali kienu prinċipalment dwar ir-rwol doppju ta' regolatur u attur ekonomiku li għandhom il-federazzjonijiet sportivi, l-istruttura monopolistika ta' ċerti swieq għall-organizzazzjoni ta' kompetizzjonijiet sportivi u għall-kummerċjalizzazzjoni ta' drittijiet li huma assoċjati magħhom kif ukoll ir-rifjut ta' dawn il-federazzjonijiet li jippermettu l-organizzazzjoni ta' kompetizzjonijiet indipendenti u, għalhekk, li jawtorizzaw id-dħul ta' kompetituri ġodda fis-swieq ikkonċernati.

38. Huwa f'din il-linja li, fil-kuntest ta' din il-kawża, il-kontestazzjoni mill-ESLC tal-mudell għall-organizzazzjoni tal-kompetizzjonijiet tal-futbol u għall-kummerċjalizzazzjoni tagħhom mill-UEFA u mill-FIFA hija bbażata, prinċipalment, fuq id-dritt tal-kompetizzjoni.

### *3. Fuq it-teħid inkunsiderazzjoni tan-natura speċifika tal-isport u tal-"mudell sportiv Ewropew" fil-kuntest tal-analiżi kompetittiva*

39. Minn ġurisprudenza storika u stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-isport, minkejja l-fatt li n-natura speċifika tiegħu ġiet enfasizzata, jaqa' fid-dritt tal-Unjoni u b'mod partikolari fid-dispożizzjonijiet tat-Trattat relatati mad-dritt ekonomiku tal-Unjoni, sa fejn jikkostitwixxi attività ekonomika[21].

40. F'dak li jirrigwarda, b'mod partikolari, id-dritt tal-kompetizzjoni tal-Unjoni, il-kompatibbiltà tar-regoli stabbiliti minn federazzjonijiet sportivi u l-aġir tagħhom fis-suq ma għandhomx jiġu evalwati b'mod astratt, mingħajr ma jiġu kkunsidrati l-elementi kollha li jifformaw parti mill-kuntest ġuridiku u fattwali rilevanti.

[20] Ara, pereżempju, il-proġetti Media Partners u Golden League.

[21] Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-12 ta' Diċembru 1974, Walrave u Koch (36/74, EU:C:1974:140, punt 8) u tal-25 ta' April 2013, Asociația Accept (C-81/12, EU:C:2013:275, punt 45 u l-ġurisprudenza ċċitata).

41. Fil-fatt, il-karatteristiċi partikolari ta' attivitajiet sportivi jiddistingwuhom minn setturi ekonomiċi oħra. L-isport huwa kkaratterizzat minn livell għoli ta' interdipendenza, peress li l-klabbs jiddependu fuq xulxin sabiex ikunu jistgħu jorganizzaw ruħhom u jiżviluppaw fil-kuntest ta' kompetizzjonijiet sportivi. Minn dan isegwi li livell ta' ugwaljanza u ċertu bilanċ kompetittiv huma neċessarji, karatteristiċi li jiddistingwu lill-isport minn setturi oħra, fejn il-kompetizzjoni bejn operaturi ekonomiċi twassal finalment sabiex kumpanniji ineffiċjenti jitwarrbu mis-suq.

42. Għalhekk, filwaqt li l-karatteristiċi partikolari tal-isport ma jistgħux jiġu invokati sabiex jeskludu l-attivitajiet sportivi mill-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattati UE u FUE, ir-riferimenti għall-karatteristiċi speċifiċi u għall-funzjoni soċjali u edukattiva tal-isport, li jinsabu fl-Artikolu 165 TFUE, jistgħu jkunu rilevanti għall-finijiet, b'mod partikolari, tal-analiżi, fil-qasam sportiv, tal-eventwali ġustifikazzjoni oġġettiva għar-restrizzjonijiet tal-kompetizzjoni jew tal-libertajiet fundamentali [22].

### 4. *Fuq l-obbligi imposti fuq federazzjoni sportiva li għandha setgħa ta' awtorizzazzjoni u ta' prevenzjoni ta' kunflitti ta' interessi*

43. Fid-dawl tar-rwol tradizzjonalment mogħti lill-federazzjonijiet sportivi, dawn huma esposti għal riskju ta' kunflitt ta' interessi li jirriżulta mill-fatt li, minn naħa, għandhom setgħa regolatorja u, min-naħa l-oħra u fl-istess ħin, jipprovdu attività ekonomika.

44. Il-kwistjoni ta' kunflitt ta' interessi potenzjali li tirriżulta mill-fatt li l-UEFA u l-FIFA ma għandhomx biss attività ekonomika li tikkonsisti fl-organizzazzjoni u fil-kummerċjalizzazzjoni ta' kompetizzjonijiet iżda għandhom ukoll setgħa ta' regolamentazzjoni hija espressament imsemmija fl-ewwel u fit-tieni domanda preliminari. Għalhekk, qabel ma nanalizza d-dispożizzjonijiet kontenzjużi fid-dawl tal-Artikoli 101 u 102 TFUE, għandhom jingħataw ċerti spjegazzjonijiet dwar l-obbligi tal-federazzjonijiet sportivi, bħal dawk tal-UEFA u tal-FIFA fl-eżerċizzju tas-setgħat tagħhom u dwar il-miżuri li għandhom jiġu adottati għall-prevenzjoni ta' kunflitti ta' interessi.

45. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja, f'żewġ sentenzi, waħda minnhom li tirrigwarda r-regolamentazzjoni ta' dixxiplina sportiva u l-oħra r-regolamentazzjoni ta' professjoni liberali, ħejjiet il-bażi għal qafas analitiku "iddedikat" għall-kwistjoni tal-kumulu, taħt l-istess saqaf, ta' setgħa regolamentari minn naħa waħda u ta' attività ekonomika min-naħa l-oħra.

46. B'mod iktar preċiż, minn naħa, fis-sentenza MOTOE [23], il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, meta regola tagħti lil persuna ġuridika li, hija stess, torganizza u tiġġestixxi b'mod kummerċjali kompetizzjonijiet, il-poter li tagħżel il-persuni awtorizzati sabiex jorganizzaw l-imsemmija kompetizzjonijiet kif ukoll li tistabbilixxi l-kundizzjonijiet li fihom dawn tal-aħħar huma organizzati, tagħti lil din l-entità vantaġġ evidenti fuq il-kompetituri tagħha. Tali dritt jista' għalhekk iwassal lill-impriża li jkollha dan id-dritt li tostakola l-aċċess ta' operaturi oħra għas-suq ikkonċernat. Għalhekk l-eżerċizzju ta' din il-funzjoni regolatorja għandu jkun suġġett għal limiti, obbligi jew skrutinju, sabiex jiġi evitat li l-persuna ġuridika inkwistjoni tikkawża distorsjoni tal-kompetizzjoni billi tagħti preferenzi għall-kompetizzjonijiet li hija torganizza jew dawk li fihom hija tieħu sehem. Min-naħa l-oħra, din il-ġurisprudenza ġiet applikata b'analoġija f'sentenza oħra tal-Qorti tal-Ġustizzja, li ħarġet minn kawża dwar l-interpretazzjoni

[22] Ara, f'dan is-sens u b'analoġija, is-sentenza tas-16 ta' Marzu 2010, Olympique Lyonnais (C-325/08, EU:C:2010:143, punt 40).

[23] Sentenza tal-1 ta' Lulju 2008 (C-49/07, iktar 'il quddiem is-"sentenza MOTOE", EU:C:2008:376, punti 51 u 52).

tal-Artikolu 101 TFUE dwar regoli adottati minn assoċjazzjoni ta' impriżi li kienet kemm operatur kif ukoll ir-regolatur tas-suq ikkonċernat, li f'dan il-każ huwa dak tat-taħriġ mandatorju tal-accountants[24].

47. F'din il-kawża, ma huwiex ikkontestat li l-UEFA teżerċita funzjoni doppja, minn naħa, regolatorja billi tadotta regoli relatati mal-futbol professjonali u, min-naħa l-oħra, ekonomika billi torganizza kompetizzjonijiet sportivi. Peress li din il-federazzjoni tista' wkoll tawtorizza kompetizzjonijiet organizzati minn terzi, din is-sitwazzjoni tista' tagħti lok għal kunflitt ta' interessi, li jimplika li hija għandha tiġi suġġetta għal ċerti obbligi fil-kuntest tal-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħha regolatorji sabiex ma tikkawżax distorsjoni tal-kompetizzjoni.

48. Madankollu, għandu jiġi enfasizzat, qabel kollox, li mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja ċċitata fil-punt 46 ta' dawn il-konklużjonijiet jirriżulta li s-sempliċi fatt li l-istess entità teżerċita kemm il-funzjonijiet ta' regolatur u ta' organizzatur ta' kompetizzjonijiet sportivi ma jimplikax, fih innifsu, ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni tal-Unjoni[25]. Barra minn hekk, minn din il-ġurisprudenza jirriżulta li l-obbligu prinċipali li għandha federazzjoni sportiva fil-pożizzjoni tal-UEFA huwa li tiżgura li t-terzi ma jiġux indebitament imċaħħda minn aċċess għas-suq sal-punt li tiġi kkawżata distorsjoni tal-kompetizzjoni f'dan is-suq.

49. Minn dan isegwi li l-federazzjonijiet sportivi jistgħu, taħt ċerti kundizzjonijiet, jirrifjutaw l-aċċess għas-suq lil terzi, mingħajr ma jkun hemm ksur tal-Artikoli 101 u 102 TFUE, sakemm dan ir-rifjut ikun ġġustifikat minn għanijiet leġittimi u li l-miżuri meħuda minn dawn il-federazzjonijiet ikunu proporzjonati meta mqabbla mal-imsemmija għanijiet.

## C. Fuq id-domandi preliminari

50. Din il-kawża tirrigwarda diversi regoli li ġew adottati mill-FIFA u mill-UEFA, fil-kwalità tagħhom ta' federazzjonijiet, bil-għan li "jirregolaw" l-aspetti differenti tal-futbol mondjali u Ewropew. Dawn ir-regoli huma ta' tliet tipi u jinkludu:

– sistema ta' awtorizzazzjoni minn qabel, mill-FIFA u mill-UEFA, ta' kwalunkwe kompetizzjoni internazzjonali tal-futbol, u għalhekk b'mod partikolari ta' dawk li entitajiet terzi (mhux affiljati ma' dawn il-federazzjonijiet) jipproponu sabiex jorganizzaw u jikkummerċjalizzaw;

– klawżoli li permezz tagħhom dawn il-federazzjonijiet jimponu fuq il-membri diretti jew indiretti tagħhom (jiġifieri, rispettivament, l-assoċjazzjonijiet nazzjonali tal-futbol, il-ligs tal-futbol u l-klabbs tal-futbol professjonali), kif ukoll, finalment, fuq il-plejers, li jipparteċipaw biss fil-kompetizzjonijiet internazzjonali li huma jorganizzaw jew li huma awtorizzaw li entità terza sabiex torganizza, taħt piena ta' esklużjoni;

– dispożizzjonijiet li permezz tagħhom il-FIFA (jew, fuq ċerti punti, il-FIFA u l-konfederazzjonijiet reġjonali, fosthom l-UEFA) hija (jew huma) proprjetarja/i "oriġinali" tad-drittijiet sportivi kollha marbuta mal-kompetizzjonijiet internazzjonali tal-futbol li jaqgħu fil-ġurisdizzjoni tagħhom u hija (jew huma) esklużivament kompetenti sabiex tiġġestixxi (jew jiġġestixxu) dawn id-drittijiet kif ukoll tawtorizza (jew jawtorizzaw) it-tixrid fil-forom kollha tagħhom ta' dawn il-kompetizzjonijiet.

24 Ara s-sentenza tat-28 ta' Frar 2013, Ordem dos Técnicos Oficiais de Contas (C-1/12, iktar 'il quddiem is-"sentenza OTOC", EU:C:2013:127, punti 88 u 89).

25 Sentenza MOTOE (punti 51 u 52).

51. Permezz tal-ewwel żewġ domandi preliminari tagħha, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tqajjem il-kwistjoni tal-kompatibbiltà tar-rekwiżit ta’ awtorizzazzjoni minn qabel tal-FIFA u tal-UEFA mal-Artikoli 101 u 102 TFUE rispettivament.

52. It-tielet domanda preliminari tirrigwarda s-setgħa diskrezzjonali li għandhom dawn il-federazzjonijiet sabiex jimponu sanzjonijiet fuq il-membri tagħhom u l-mod li bih dan ir-riskju ġie invokat pubblikament mill-FIFA u mill-UEFA, wara li tħabbar il-ħolqien tal-ESL.

53. Minħabba ġurisprudenza iktar żviluppata relatata mad-deċiżjonijiet ta’ assoċjazzjonijiet sportivi bis-saħħa tal-Artikolu 101 TFUE, ser neżamina, fl-ewwel lok, it-tieni u t-tielet domanda preliminari (f’dak li jirrigwarda l-analiżi tas-sanzjonijiet mill-perspettiva tal-Artikolu 101 TFUE) qabel ma ndur, fit-tieni lok, fuq l-ewwel domanda preliminari u, fit-tielet lok, fuq il-ħames domanda preliminari, li tirrigwarda l-eżistenza ta’ eventwali ġustifikazzjonijiet fil-każ fejn restrizzjoni tal-kompetizzjoni mill-perspettiva tal-Artikoli 101 u 102 TFUE kienet stabbilita.

54. Barra minn hekk, inqis li l-kwistjoni tal-legalità għall-finijiet tad-dritt tal-kompetizzjoni tal-aġir imsemmi fit-tielet domanda preliminari hija intrinsikament marbuta ma’ dik tar-regoli li huma s-suġġett tal-ewwel żewġ domandi preliminari. B’hekk, peress li s-sanzjonijiet huma intiżi sabiex jiżguraw l-effikaċja tas-sistema ta’ awtorizzazzjoni minn qabel u tar-regoli ta’ parteċipazzjoni, ikun utli li jiġu analizzati flimkien.

55. Dawn il-konklużjonijiet, sussegwentement, ser jittrattaw il-kwistjoni tal-kompatibbiltà mal-Artikoli 101 u 102 TFUE tar-regoli implimentati mill-UEFA u l-FIFA f’dak li jirrigwarda l-ġestjoni tad-drittijiet kummerċjali li jirriżultaw mill-kompetizzjonijiet tal-futbol (ir-raba’ domanda preliminari) kif ukoll il-kompatibbiltà tar-regoli ta’ awtorizzazzjoni minn qabel mad-dispożizzjonijiet relatati mal-libertajiet fundamentali tat-Trattat FUE (is-sitt domanda preliminari).

## *1. Fuq it-tieni domanda preliminari*

56. Permezz tat-tieni domanda tagħha u tal-ewwel parti tat-tielet domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 101 TFUE għandux ikun interpretat fis-sens li jipprekludi d-dispożizzjonijiet tal-Istatuti tal-FIFA u tal-UEFA li jirrigwardaw is-sistema ta’ awtorizzazzjoni minn qabel u s-sanzjonijiet ippjanati minn dawn il-federazzjonijiet.

57. Preliminarjament, għandu jitfakkar li, sabiex ikun kopert bil-projbizzjoni stipulata fl-Artikolu 101(1) TFUE, ftehim, deċiżjoni ta’ assoċjazzjoni ta’ impriżi jew prattika miftiehma għandhom ikunu jistgħu jaffettwaw il-kummerċ bejn l-Istati Membri u jkollhom “bħala għan jew riżultat” tagħhom il-prevenzjoni, ir-restrizzjoni jew id-distorsjoni tal-kompetizzjoni fi ħdan is-suq intern [26].

58. F’dak li jirrigwarda, fl-ewwel lok, l-eżistenza ta’ deċiżjoni ta’ assoċjazzjoni ta’ impriżi, minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li l-kunċett ta’ impriża jinkludi, fil-kuntest tad-dritt tal-kompetizzjoni, kull entità li teżerċita attività ekonomika, irrispettivament mill-istatus ġuridiku tagħha u mill-mod ta’ finanzjament tagħha [27]. F’dan ir-rigward, l-Artikolu 101(1) TFUE

[26] Ara s-sentenza tal-14 ta’ Jannar 2021, Kilpailu- ja kuluttajavirasto (C-450/19, EU:C:2021:10, punt 20).

[27] Sentenza MOTOE (punt 21).

jinkludi mhux biss il-modalitajiet diretti ta' koordinazzjoni ta' aġir bejn impriżi, iżda wkoll il-forom istituzzjonalizzati ta' kooperazzjoni, jiġifieri, is-sitwazzjonijiet li fihom joperaw l-operaturi ekonomiċi permezz ta' struttura kollettiva jew korp komuni [28].

59. F'dan il-każ, huwa stabbilit li l-FIFA u l-UEFA għandhom bħala membri assoċjazzjonijiet nazzjonali li huma gruppi ta' klabbs li għalihom il-prattika tal-futbol tikkostitwixxi attività ekonomika u li jikkostitwixxu għalhekk impriżi fis-sens tal-Artikolu 101 TFUE [29]. Peress li l-assoċjazzjonijiet nazzjonali huma assoċjazzjonijiet ta' impriżi u wkoll, minħabba l-attivitajiet ekonomiċi li jeżerċitaw, impriżi, il-FIFA u l-UEFA, assoċjazzjonijiet li huma gruppi ta' assoċjazzjonijiet nazzjonali, huma wkoll assoċjazzjonijiet ta' impriżi (jiġifieri "assoċjazzjonijiet ta' assoċjazzjonijiet ta' impriżi") fis-sens tal-Artikolu 101 TFUE. Barra minn hekk, l-istatuti adottati minn tali entitajiet jirriflettu l-espressjoni tal-intenzjoni tal-FIFA u tal-UEFA li jikkoordinaw l-aġir tal-membri tagħhom fir-rigward, b'mod partikolari, tal-parteċipazzjoni tagħhom fil-kompetizzjonijiet internazzjonali tal-futbol [30]. Għalhekk, id-dispożizzjonijiet tal-istatuti ta' federazzjoni sportiva internazzjonali, bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, jistgħu jiġu kklassifikati bħala "deċiżjonijiet ta' assoċjazzjoni ta' impriżi" fis-sens tal-Artikolu 101(1) TFUE.

60. Fit-tieni lok, sabiex ir-regoli tad-dritt tal-kompetizzjoni tal-Unjoni japplikaw għal deċiżjoni ta' assoċjazzjoni ta' impriżi, din għandha tkun waħda li tista' taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri [31]. Jidhirli li tali effett jista' jiġi identifikat mingħajr diffikultà kbira f'din il-kawża.

61. Għandu jitfakkar, fit-tielet lok, li sabiex ikun kopert bil-projbizzjoni prevista fl-Artikolu 101(1) TFUE, ftehim għandu jkollu "bħala għan jew riżultat" ir-restrizzjoni tal-kompetizzjoni. F'dan ir-rigward, minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li n-natura alternattiva ta' din il-kundizzjoni, indikata bil-konġunzjoni "jew", twassal qabelxejn għall-bżonn li jiġi kkunsidrat l-għan stess tal-ftehim [32].

62. Il-kunċett ta' "restrizzjoni minħabba l-għan" għandu jiġi interpretat b'mod strett u jista' jiġi applikat biss għal ċerti prattiki kollużorji bejn impriżi li jiżvelaw, fihom innifishom u fid-dawl tal-kontenut tad-dispożizzjonijiet tagħhom, għanijiet li huma jipprevedu kif ukoll tal-kuntest ekonomiku u ġuridiku tagħhom, grad suffiċjenti ta' dannu għall-kompetizzjoni sabiex ikun jista' jitqies li l-eżami tal-effetti tagħhom ma huwiex neċessarju, peress li ċerti forom ta' koordinazzjoni bejn impriżi jistgħu jiġu kkunsidrati, min-natura tagħhom stess, li huma jikkawżaw dannu għall-funzjonament tajjeb tal-proċess normali tal-kompetizzjoni [33]. Fil-kuntest tal-evalwazzjoni tal-imsemmi kuntest, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni n-natura tal-prodotti jew tas-servizzi affettwati kif ukoll il-kundizzjonijiet reali tal-funzjonament u tal-istruttura tas-suq jew tas-swieq inkwistjoni [34].

[28] Ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Léger fil-kawża Wouters *et* (C-309/99, EU:C:2001:390, punt 62).

[29] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-26 ta' Jannar 2005, Piau vs Il-Kummissjoni (T-193/02, EU:T:2005:22, punt 69).

[30] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-19 ta' Frar 2002, Wouters *et* (C-309/99, EU:C:2002:98, punt 64).

[31] Sentenza tat-13 ta' Lulju 2006, Manfredi *et* (C-295/04 sa C-298/04, EU:C:2006:461, punt 40).

[32] Ara s-sentenza tat-2 ta' April 2020, Budapest Bank *et* (C-228/18, EU:C:2020:265, punt 33 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

[33] Ara s-sentenza tat-30 ta' Jannar 2020, Generics (UK) *et* (C-307/18, EU:C:2020:52, punt 67 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

[34] Ara s-sentenza tat-30 ta' Jannar 2020, Generics (UK) *et* (C-307/18, EU:C:2020:52, punt 68 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

### *a) Fuq il-kwistjoni dwar jekk ir-rekwiżit ta' awtorizzazzjoni minn qabel jikkostitwixxix restrizzjoni tal-kompetizzjoni minħabba l-għan*

63. Infakkar, fl-ewwel lok, li mill-kontenut tar-regoli inkwistjoni fil-kawża prinċipali jirriżulta li l-organizzazzjoni ta' kwalunkwe kompetizzjoni tal-futbol fl-Ewropa għandha tkun suġġetta għall-awtorizzazzjoni minn qabel tal-UEFA li għandha, barra minn hekk, il-kompetenza esklużiva sabiex torganizza tali kompetizzjonijiet. Din is-sistema ta' awtorizzazzjoni minn qabel iġġib magħha obbligu ta' parteċipazzjoni – fuq il-klabbs u l-plejers affiljati mal-UEFA u mal-FIFA – fil-kompetizzjonijiet organizzati minn dawn il-federazzjonijiet kif ukoll projbizzjoni ta' parteċipazzjoni fil-kompetizzjonijiet mhux awtorizzati minnhom, taħt piena ta' sanzjonijiet ta' esklużjoni.

64. Għandu jiġi kkonstatat, fid-dawl tad-deskrizzjoni preċedenti, li s-sistema implimentata mill-UEFA hija bbażata fuq serje ta' dispożizzjonijiet li jistgħu jiġu assimilati ma' klawżoli ta' nuqqas ta' kompetizzjoni u ta' esklużività flimkien ma' sanzjonijiet intiżi sabiex jiżguraw l-effikaċja tagħhom.

65. Madankollu, għandu jiġi kkonstatat li, l-ewwel, tali dispożizzjonijiet ma jifformawx parti minn tipi ta' ftehimiet jew ta' aġir li jistgħu jiġu kkunsidrati, min-natura stess tagħhom u fid-dawl tal-esperjenza miksuba, bħala li jikkawżaw dannu għall-funzjonament tajjeb tal-proċess normali tal-kompetizzjoni mingħajr eżami tal-effetti tagħhom[35].

66. It-tieni, l-eżistenza stess ta' mekkaniżmu ta' awtorizzazzjoni minn qabel li jippermetti lil organizzaturi terzi li jitolbu l-aċċess għas-suq inkwistjoni – irrispettivament mis-setgħa diskrezzjonali li għandha l-UEFA sabiex tirrifjuta tali awtorizzazzjoni – għandha tkun suffiċjenti sabiex tneħħi dubji dwar in-natura suffiċjentement dannuża ta' dawn ir-regoli li hija mitluba mill-ġurisprudenza bħala kriterju sabiex tiġi kkonstatata restrizzjoni minħabba l-għan. Il-kwistjoni dwar jekk il-mekkaniżmu implimentat huwiex, fil-fatt, suffiċjenti sabiex jiżgura kompetizzjoni effettiva fis-suq ikkonċernat jew jekk jirrestrinġix il-kompetizzjoni tista' tkun stabbilita biss abbażi ta' analiżi tal-effetti antikompetittivi.

67. Fir-rigward, fit-tieni lok, tal-għanijiet li għandhom jintlaħqu mir-regoli tal-UEFA, minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li l-fatt li l-UEFA u l-FIFA jistgħu jilħqu għanijiet leġittimi relatati man-natura speċifika tal-isport ma għandux, fih innifsu, ikun element li jippermetti lir-regoli implimentati li ma jiġux ikklassifikati bħala "restrizzjoni minħabba l-għan" jekk ikun stabbilit li għan ieħor li għandu jintlaħaq minnhom jista' jiġi kkunsidrat bħala li għandu għan li jirrestrinġi l-kompetizzjoni[36].

68. Madankollu, anki jekk l-għanijiet li għandhom jintlaħqu mill-UEFA ma humiex espressament identifikabbli jew ma humiex ċari mill-kontenut tar-regoli tal-UEFA, kif isostnu l-ESLC u l-Kummissjoni, dan l-element, waħdu, ma jippermettix li jiġi kkonstatat għan antikompetittiv.

69. Fit-tielet lok, minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li l-analiżi tal-għan antikompetittiv ta' miżura ma għandhiex tkun limitata għall-eżami iżolat tal-kontenut u tal-għan tar-regoli eżaminati, iżda għandu jiġi kkunsidrat ukoll il-kuntest legali u ekonomiku li fih jaqgħu dawn ir-regoli[37].

35 Ara l-ġurisprudenza ċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 76 ta' dawn il-konklużjonijiet.

36 Sentenza tat-2 ta' April 2020, Budapest Bank *et* (C-228/18, EU:C:2020:265, punt 52 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

37 Sentenza tat-18 ta' Novembru 2021, Visma Enterprise (C-306/20, EU:C:2021:935, punt 72 u l-ġurisprudenza ċċitata).

70. L-elementi segwenti jidhirli li huma partikolarment rilevanti fil-kuntest ta' din l-analiżi.

71. Qabelxejn, il-kuntest legali u ekonomiku li fih jaqgħu dawn ir-regoli huwa kkaratterizzat mill-kumulu ta' poter regolatorju mal-eżerċizzju ta' attività ekonomika, li tpoġġi lill-UEFA f'sitwazzjoni partikolari li timponilha ċerti obbligi sabiex jiġi evitat kunflitt ta' interessi [38].

72. F'dan ir-rigward, ma hemmx dubju dwar il-fatt li l-UEFA għandha setgħa diskrezzjonali li tirriżulta b'mod partikolari mill-pożizzjoni partikolari tagħha fis-suq ikkonċernat bħala entità li tmexxi l-futbol fl-Ewropa. Konsegwentement, filwaqt li hija l-UEFA li għandha tistabbilixxi l-proċedura ta' awtorizzazzjoni minn qabel b'tali mod li jiġi evitat li jkun hemm preferenzi għall-kompetizzjonijiet tagħha stess billi tirrifjuta b'mod inġustifikat avvenimenti suġġetti għal awtorizzazzjoni u proposti minn terzi, xorta jibqa' l-fatt li hija biss analiżi konkreta tal-implimentazzjoni tas-setgħa diskrezzjonali li hija għandha li tippermetti li jiġi stabbilit jekk din użathiex b'mod diskriminatorju u mhux adattat sabiex jintwerew effetti antikompetittivi.

73. Anki jekk is-sistema ta' awtorizzazzjoni minn qabel implimentata mill-UEFA ma hijiex irregolata minn proċedura suġġetta għal kriterji ta' awtorizzazzjoni ddefiniti b'mod ċar, trasparenti, nondiskriminatorji u kontrollabbli fis-sens tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja misluta mis-sentenzi MOTOE u OTOC, kif jidher li timplika l-qorti tar-rinviju, minn din il-ġurisprudenza joħroġ b'mod ċar li n-nuqqas ta' tali kriterji ma għandux iwassal awtomatikament għall-klassifikazzjoni bħala "restrizzjoni tal-kompetizzjoni minħabba l-għan" iżda jidher li huwa iktar indikazzjoni ta' effetti restrittivi li madankollu għandhom ikunu kkonfermati abbażi ta' analiżi ddettaljata [39].

74. Barra minn hekk, restrizzjoni tal-kompetizzjoni ma tistax, bħala regola, tiġi stabbilita (bil-grad ta' ċertezza mitluba) ħlief fil-każ fejn l-awtorizzazzjoni minn qabel issir, fil-fatt, oġġettivament neċessarja għall-ħolqien ta' kompetizzjoni alternattiva, bħall-ESL. Madankollu, f'dan il-każ, jidher li minn perspettiva (purament) legali, tali awtorizzazzjoni ma hijiex indispensabbli, b'tali mod li kwalunkwe kompetizzjoni indipendenti, barra mill-ekosistema tal-UEFA u tal-FIFA, tista' tinħoloq b'mod liberu u mingħajr l-intervent tal-UEFA.

75. Fil-fatt, differenti mis-sitwazzjoni inkwistjoni fil-kawża li wasslet għas-sentenza MOTOE, la l-FIFA u lanqas l-UEFA ma huma entitajiet pubbliċi jew għandhom xi dritt speċjali jew esklużiv li minnu jirriżulta li impriża li tixtieq torganizza kompetizzjoni internazzjonali jew Ewropea tal-futbol għandha tikseb bilfors l-awtorizzazzjoni ta' xi waħda minn dawn l-entitajiet. Barra minn hekk, l-ebda dispożizzjoni tad-dritt pubbliku ma timponi li din l-impriża għanda tosserva r-regoli stabbiliti mill-imsemmija entitajiet, b'kuntrast mis-sitwazzjoni inkwistjoni fil-kawża li wasslet għas-sentenza OTOC.

76. B'hekk, xejn ma jipprekludi, bħala regola, lill-klabbs li jifformaw l-ESL milli jsegwu l-eżempju ta' dixxiplini sportivi oħra u joħolqu l-kompetizzjoni tagħhom stess barra mill-qafas iddefinit mill-UEFA. Madankollu, f'dan il-każ, is-sistema ta' awtorizzazzjoni minn qabel tal-UEFA tidher li tikkostitwixxi ostakolu għall-ħolqien tal-ESL, prinċipalment minħabba l-fatt li l-klabbs li ħolqu dan il-proġett ukoll jixtiequ jibqgħu affiljati mal-UEFA filwaqt li jibbenefikaw mill-vantaġġi li jirriżultaw minn tali affiljazzjoni. F'dan ir-rigward, għandu jiġi nnotat li miżuri li huma intiżi

[38] Ara l-punti 46 u 47 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[39] Sentenza OTOC (punti 70 sa 100).

sabiex jindirizzaw dan il-fenomenu ta' "sħubija doppja" bħall-klawżoli ta' nuqqas ta' kompetizzjoni jew esklużività ma għandhomx l-għan li jirrestrinġu l-kompetizzjoni skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja [40].

77. Finalment, ir-risposta għad-domanda dwar jekk, minn perspettiva prattika, tali inizjattiva tistax, fil-fatt, issir minħabba ostakoli oħra li jista' jkun hemm, bħal, pereżempju, is-sistema ta' sanzjonijiet li għalihom jesponu ruħhom il-klabbs u l-plejers affiljati mal-UEFA (u l-konsegwenzi li tali deċiżjoni jista' jkollha fuq il-pjanijiet finanzjarji u sportivi għall-partijiet involuti), ma tistax issir abbażi ta' eżami estratt tar-regoli inkwistjoni iżda biss fil-kuntest ta' eżami ddettaljat tal-effetti konkreti tal-applikazzjoni ta' dawn ir-regoli. Barra minn hekk, dawn is-sanzjonijiet għandhom biss effett restrittiv sa fejn il-klabbs ikkonċernati jixtiequ jibqgħu affiljati mal-UEFA [41].

78. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, jiena tal-opinjoni li, anki meta r-regoli inkwistjoni fil-kawża prinċipali jista' jkollhom effett li jirrestrinġu l-aċċess ta' kompetituri tal-UEFA għas-suq tal-organizzazzjoni tal-kompetizzjonijiet tal-futbol fl-Ewropa, tali fatt, anki jekk jiġi stabbilit, mhux neċessarjament jimplika li tali regoli għandhom l-għan li jirrestrinġu l-kompetizzjoni fis-sens tal-Artikolu 101(1) TFUE.

### *b) Fuq id-domanda dwar jekk ir-rekwiżit ta' awtorizzazzjoni minn qabel jikkostitwixxix restrizzjoni tal-kompetizzjoni minħabba l-effett*

79. Minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li, fil-każ fejn restrizzjoni minħabba l-għan ma hijiex stabbilita b'mod ċar – kif jidher li huwa l-każ f'dan il-każ –, għandha ssir analiżi kompleta tal-effetti tagħha għall-finijiet tal-Artikolu 101(1) TFUE [42]. Tali analiżi għandha l-għan li tistabbilixxi l-effett fuq il-kompetizzjoni li r-regoli tal-UEFA jista' jkollhom fis-suq tal-organizzazzjoni tal-kompetizzjonijiet tal-futbol fl-Ewropa.

80. F'dan il-każ, l-evalwazzjoni tal-effett tar-regoli tal-UEFA fuq il-kompetizzjoni tinvolvi, qabel kollox, li għandhom jiġu kkunsidrati l-elementi kollha li jistabbilixxu l-aċċess għas-suq ta' referenza, sabiex jiġi evalwat jekk, abbażi tal-proċedura stabbilita minn din il-federazzjoni, jeżistux "possibbiltajiet reali u konkreti" sabiex kompetitur joħloq kompetizzjoni indipendenti [43].

81. Għal dan il-għan, hemm lok li jiġi kkunsidrat ir-rwol ċentrali li għandha l-UEFA bħala entità li tmexxi il-futbol fil-kontinent Ewropew u s-setgħa diskrezzjonali li din għandha f'dan ir-rwol. Bl-istess mod, is-saħħa ekonomika tal-ESL u tal-klabbs li jifformawha għandha tiġi analizzata wkoll, b'mod partikolari sabiex jiġi evalwat jekk din il-kompetizzjoni tistax tinħoloq b'mod indipendenti mill-UEFA.

82. F'dan il-kuntest, hemm lok, fl-opinjoni tiegħi, li jiġu kkunsidrati mhux biss l-effett konkret ta' barrieri għad-dħul li jistgħu jirriżultaw mis-sistema ta' awtorizzazzjoni minn qabel implimentata mill-UEFA iżda wkoll (u b'mod partikolari) l-effett li jista' jkollhom is-sanzjonijiet previsti minn din il-federazzjoni fuq id-disponibbiltà tal-klabbs u tal-plejers neċessarji sabiex tiġi fformata din il-kompetizzjoni l-ġdida.

40 Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-11 ta' Lulju 1985, Remia *et* vs Il-Kummissjoni (42/84, EU:C:1985:327, punt 19); tat-28 ta' Jannar 1986, Pronuptia de Paris (161/84, EU:C:1986:41, punti 16 u 17); tal-15 ta' Diċembru 1994, DLG (C-250/92, EU:C:1994:413, punti 40 u 41), kif ukoll tas-26 ta' Novembru 2015, Maxima Latvija (C-345/14, EU:C:2015:784, punti 21 u 24).

41 Ara l-punt 84 ta' dawn il-konklużjonijiet.

42 Ara s-sentenza tat-18 ta' Novembru 2021, Visma Enterprise (C-306/20, EU:C:2021:935, punt 71 u l-ġurisprudenza ċċitata).

43 Ara s-sentenza tas-26 ta' Novembru 2015, Maxima Latvija (C-345/14, EU:C:2015:784, punt 27).

*c) Fuq l-eżami tas-sistema dixxiplinari prevista mill-UEFA fil-kuntest tal-evalwazzjoni tal-għan jew tal-effett antikompetittiv*

83. Is-severità tas-sanzjonijiet applikabbli, f'każ ta' ksur tar-regoli stabbiliti minn federazzjoni sportiva, kif ukoll il-probabbiltà li dawn is-sanzjonijiet jiġu imposti huma elementi partikolarment rilevanti fl-analiżi tal-kontenut u tal-għan ta' miżura adottata minn federazzjoni sportiva, peress li dawk is-sanzjonijiet jistgħu jiddiswadu klabbs jew plejers milli jipparteċipaw f'kompetizzjonijiet mhux awtorizzati minn din il-federazzjoni. F'dan il-każ, il-miżuri dixxiplinari li jidher li ġew previsti mill-UEFA, inkluż theddid ta' sanzjonijiet kontra parteċipanti fl-ESL, jistgħu jagħlqu s-suq tal-organizzazzjoni tal-kompetizzjonijiet tal-futbol fl-Ewropa għal kompetitur potenzjali, peress li huwa għandu r-riskju li ma jingħatax il-possibbiltà li jipparteċipa fil-klabbs neċessarji għall-organizzazzjoni ta' kompetizzjoni sportiva kif ukoll l-aċċess għar-"riżors", li huma l-plejers.

84. Madankollu, l-effett tas-sanzjonijiet imposti minn federazzjoni sportiva ma jistgħux jiġu analizzati b'mod astratt mingħajr ma jiġi kkunsidrat il-kuntest globali li fih jaqgħu l-miżuri dixxiplinari previsti minn din il-federazzjoni. F'dan ir-rigward, għandu jiġi evalwat konkretament l-effett dissważiv li jista' jkollhom is-sanzjonijiet fuq il-klabbs (u l-plejers) ikkonċernati, u b'mod partikolari l-possibbiltà li, fid-dawl tal-pożizzjonijiet rispettivi tagħhom fis-suq, dawn tal-aħħar jiddeċiedu li jinjoraw ir-riskju li jiġu imposti sanzjonijiet fuqhom billi jipproċedu bil-ħolqien ta' lig indipendenti (u jipparteċipaw fih). Fil-fatt, il-portata tal-poter dixxiplinari li għandha federazzjoni sportiva ma tistax tiġi eżerċitata ħlief fil-"limiti tal-ġurisdizzjoni tagħha" li – min-naħa tagħha – tiddependi mir-rikonoxximent tagħha mill-klabbs u mill-plejers li huma affiljati magħha u li oriġinarjament aċċettaw li jissuġġettaw ruħhom għar-regoli tagħha u, għalhekk, għall-iskrutinju tagħha. Madankollu, jekk dawn tal-aħħar jiddeċiedu li "ma jibqgħux" ma' din il-federazzjoni billi joħolqu kompetizzjoni ġdida indipendenti u jipparteċipaw fiha, ir-riskju li jiġu imposti sanzjonijiet jista' ma jkollu l-ebda effett dissważiv fil-konfront tagħhom.

*d) Fuq l-applikazzjoni tat-teorija tar-restrizzjonijiet inċidentali għar-regoli inkwistjoni*

85. Sabiex ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 101(1) TFUE, ir-restrizzjonijiet ikkawżati mir-regoli tal-UEFA inkwistjoni għandhom ikunu inerenti sabiex jintlaħqu l-għanijiet leġittimi u proporzjonati għalihom. Għalhekk għandu jiġi eżaminat jekk, kif isostnu essenzjalment il-FIFA u l-UEFA, kif ukoll diversi gvernijiet, minkejja l-effetti restrittivi potenzjali tal-kompetizzjoni, il-karatteristiċi tas-sistema ta' awtorizzazzjoni minn qabel u tas-sistema ta' sanzjonijiet jippermettu li jintlaħqu l-għanijiet leġittimi tal-UEFA mingħajr ma jmorru lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħqu[44].

86. Peress li l-implimentazzjoni tat-teorija tar-restrizzjonijiet inċidentali fil-kuntest tal-isport hija l-qofol ta' din il-kawża, inqis li jkun utli li nagħmel xi kjarifiki fuq il-qafas analitiku li għandu jiġi adottat.

[44] Ara s-sentenzi tad-19 ta' Frar 2002, Wouters *et* (C-309/99, EU:C:2002:98, punt 97), u tat-18 ta' Lulju 2006, Meca-Medina u Majcen vs Il-Kummissjoni (C-519/04 P, EU:C:2006:492, punt 42).

*1) Osservazzjonijiet preliminari fuq il-qafas analitiku tar-restrizzjonijiet inċidentali*

87. It-teorija tar-restrizzjonijiet inċidentali inizjalment żviluppat fil-kuntest ta' ftehimiet "purament" kummerċjali [45]. Għalhekk hija kklassifikata bħala "restrizzjoni anċillari" kwalunkwe restrizzjoni li hija direttament relatata u neċessarja għall-implimentazzjoni ta' tranżazzjoni prinċipali, li fiha nnifisha ma hijiex antikompetittiva [46].

88. Il-ġurisprudenza dwar ir-"restrizzjonijiet anċillari kummerċjali" (commercial ancillary restraints) konsegwentement ġiet estiża għal restrizzjonijiet li ġew meqjusa neċessarji għal raġunijiet ta' interess pubbliku, u b'hekk wasslu għal "restrizzjonijiet anċillari regolatorji" (regulatory ancillary restraints) [47]. B'hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja aċċettat li, f'ċerti każijiet, huwa possibbli li jiġu bbilanċjati għanijiet "mhux kummerċjali" fil-konfront ta' restrizzjoni tal-kompetizzjoni u li jiġi konkluż li dawk l-għanijiet jieħdu preċedenza fuq din tal-aħħar, bil-konsegwenza li ma jkunx hemm ksur tal-Artikolu 101(1) TFUE.

89. Stabbilita għall-ewwel darba fis-sentenza Wouters *et* li kienet tirrigwarda regoli ta' etika għall-avukati [48], din il-ġurisprudenza essenzjalment ġiet konsegwentement applikata – lil hinn mis-sentenza Meca Medina u Majcen vs Il-Kummissjoni [49] relatata mal-attività ta' federazzjoni sportiva – fil-kuntest ta' kawżi li jirrigwardaw prattiki jew atti li jirriżulta minn organi professjonali [50]. Minkejja li l-ġurisprudenza tar-restrizzjonijiet inċidentali regolatorji għadha limitata – u ħafna iktar ristretta fil-qasam sportiv, peress li l-kawża li tat lok għall-imsemmija sentenza Meca-Medina u Majcen vs Il-Kummissjoni hija l-uniku preċedent ta' applikazzjoni ta' din it-teorija fil-qasam tal-isport – il-Qorti tal-Ġustizzja jidher li adottat approċċ restrittiv fl-applikazzjoni tagħha fil-kawżi ċċitati iktar 'il fuq. B'hekk, ma huwiex biżżejjed li jissemmew għanijiet "vagi" jew ġenerali b'mod astratt; huwa wkoll neċessarju, jekk l-eżistenza tal-għanijiet tiġi stabbilita, li r-restrizzjoni tkun oġġettivament neċessarja għall-implimentazzjoni tat-tranżazzjoni prinċipali u proporzjonata fil-konfront tagħha [51], peress li din l-analiżi għandha ssir b'mod konkret u ddettaljat [52].

90. Dan l-approċċ jidhirli li huwa ġġustifikat peress li l-kunċett stess u l-idea li fuqha hija bbażata t-teorija tar-restrizzjonijiet inċidentali jirrikjedu interpretazzjoni restrittiva. Infakkar li dan jinvolvi l-esklużjoni mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 101(1) TFUE ta' ċerti aspetti ta' ftehim li jwasslu għal dannu (realment jew potenzjalment) għall-kompetizzjoni sempliċement meta dawn huma direttament relatati u neċessarji għall-implimentazzjoni tat-tranżazzjoni prinċipali li fiha nnifisha ma hijiex antikompetittiva. Jekk tingħata interpretazzjoni iktar wiesgħa

45 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-25 ta' Ottubru 1977, Metro SB-Großmärkte vs Il-Kummissjoni (26/76, EU:C:1977:167) u tat-28 ta' Jannar 1986, Pronuptia de Paris (161/84, EU:C:1986:41).

46 Inizjalment riżultat tal-applikazzjoni tal-Artikolu 101 TFUE għal ftehimiet bejn impriżi, dan il-kunċett jinsab fid-dritt tal-konċentrazzjonijiet. Ara, f'dan is-sens, l-Artikolu 6 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 tal-20 ta' Jannar 2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi (ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 3, p. 40).

47 Whish, R. u Bailey, D., Competition Law, Oxford University Press, Oxford, 2021 (l-għaxar edizzjoni), p. 139 sa 142, kif ukoll Faull, N. U Nikpay A., *The EU Law of Competition*, it-tielet edizzjoni, Oxford University Press, 2014, p. 253-255.

48 Sentenza tad-19 ta' Frar 2002 (C-309/99, EU:C:2002:98, punti 86 sa 94 u 97 sa 110).

49 Sentenza tat-18 ta' Lulju 2006 (C-519/04 P, EU:C:2006:492).

50 Ara s-sentenzi tat-18 ta' Lulju 2013, Consiglio Nazionale dei Geologi (C-136/12, EU:C:2013:489); tal-4 ta' Settembru 2014, API *et* (C-184/13 sa C-187/13, C-194/13, C-195/13 u C-208/13, EU:C:2014:2147), kif ukoll tat-23 ta' Novembru 2017, CHEZ Elektro Bulgaria u FrontEx International (C-427/16 u C-428/16, EU:C:2017:890).

51 Dan il-kriterju ġie riprodott fil-punt 29 tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 81(3) KE (li sar l-Artikolu 101(3) TFUE) (2004/C 101/08), li jistipula li "[r]estrizzjoni hija relatata direttament mat-tranżazzjoni prinċipali jekk hija suġġetta għall-implimentazzjoni ta' dik it-tranżazzjoni u hija marbuta magħha b'mod inseparabbli".

52 Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-4 ta' Settembru 2014, API *et* (C-184/13 sa C-187/13, C-194/13, C-195/13 u C-208/13, EU:C:2014:2147, punti 37, 41 u 49 sa 57).

ikun hemm riskju ta' abbuż tar-regoli tad-dritt tal-kompetizzjoni, soluzzjoni li ma hijiex aċċettabbli, b'mod partikolari peress li ma huwiex ikkontestat li l-attivitajiet inkwistjoni – minkejja l-fatt li huma attivitajiet ta' federazzjonijiet sportivi – huma attivitajiet ekonomiċi suġġetti għad-dritt tal-kompetizzjoni.

91. Minkejja dan, il-qafas analitiku tar-restrizzjonijiet inċidentali regolatorji (inkluż dawk marbuta mal-isport) huwa differenti minn dak tar-restrizzjonijiet purament kummerċjali, peress li n-natura neċessarja tal-imsemmija restrizzjonijiet għandha tkun evalwata fil-konfront ta' għanijiet li huma ta' natura iktar "astratti" minn dawk inkwistjoni fil-kuntest ta' ftehimiet kummerċjali. Barra minn hekk, ninnota li n-natura speċifika tar-restrizzjonijiet inċidentali regolatorji, u b'mod partikolari "sportivi", hija bbażata fuq il-fatt li hija kkunsidrata sensiela wiesgħa ta' għanijiet (mhux kummerċjali) li jistgħu jvarjaw minn għanijiet pjuttost tekniċi (bħar-regoli antidoping jew ċerti aspetti speċifiċi marbuta mad-dixxiplini sportivi inkwistjoni) u oħra iktar ġenerali bħal dawk irrikonoxxuti taħt l-Artikolu 165 TFUE (pereżempju, il-prinċipji tal-integrità u ta' mertu sportiv). Ma għandux jiġi eskluż li, *in fine*, din l-analiżi tippermetti li jiġu "integrati" il-karatteristiċi speċifiċi tal-isport fl-analiżi dwar il-kompetizzjoni fil-qafas tal-eżerċizzju delikat sabiex jinstab ekwilibriju bejn l-aspetti "kummerċjali" u "sportivi" tal-futbol professjonali.

92. Wara dawn il-kjarifiki, issa għandu jiġi eżaminat, fl-ewwel lok, jekk l-għanijiet li għandhom jintlaħqu mir-regoli kkontestati tal-UEFA (u tal-FIFA) humiex leġittimi, qabel ma jiġi eżaminat, fit-tieni lok, jekk il-miżuri meħuda minn din il-federazzjoni humiex inerenti u proporzjonati meta mqabbla ma' dawn l-għanijiet.

*2) Fuq in-natura leġittima tal-għanijiet li għandhom jintlaħqu mir-regoli tal-UEFA*

93. Fir-rigward tar-regoli speċifiċi ta' awtorizzazzjoni minn qabel u ta' parteċipazzjoni li huma inkwistjoni f'din il-kawża, ma jistax jiġi kkontestat li l-parti l-kbira tal-għanijiet invokati mill-UEFA u mill-FIFA jirriżultaw mill-"mudell sportiv Ewropew" u jinsabu għalhekk espressament koperti mid-dritt primarju tal-Unjoni u, b'mod partikolari, mill-Artikolu 165 TFUE, b'tali mod li l-leġittimità tagħhom ma tistax tiġi kkontestata. L-istess japplika, b'mod iktar speċifiku, għar-regoli li huma intiżi sabiex jiżguraw il-ftuħ ta' kompetizzjonijiet u sabiex jipproteġu s-saħħa u s-sigurtà tal-plejers u jiżguraw is-solidarjetà u r-ridistribuzzjoni tad-dħul. Dawn l-għanijiet, marbuta man-natura speċifika tal-isport, jinkludu wkoll, barra minn hekk, li ġew ukoll irrikonoxxuti mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, bħal l-għan marbut maż-żamma tal-integrità tal-kompetizzjonijiet u tal-ekwilibriju bejn il-klabbs sabiex jinżamm livell ta' ugwaljanza u ta' inċertezza [53].

94. Madankollu, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta, kif ġie kkonstatat fil-punt 85 ta' dawn il-konklużjonijiet, li t-tfittxija sabiex jintlaħqu għanijiet leġittimi ma għandhiex, waħidha, tkun suffiċjenti sabiex teskludi r-regoli tal-UEFA u tal-FIFA mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 101(1) TFUE, iżda huwa neċessarju li jiġi stabbilit, fil-qafas ta' analiżi konkreta, li l-miżuri adottati sabiex jintlaħqu l-għanijiet li għandhom jiġu milħuqa huma neċessarji u proporzjonati.

[53] Ara s-sentenza tal-15 ta' Diċembru 1995, Bosman (C-415/93, EU:C:1995:463, punt 106).

*3) Fuq in-natura inerenti u proporzjonata tar-restrizzjoni tal-kompetizzjoni meta mqabbla mal-għanijiet li għandhom jintlaħqu*

*i) Fuq in-natura inerenti tas-sistema ta' awtorizzazzjoni preliminari*

95. Qabelxejn, għandu jitfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet li huma l-federazzjonijiet sportivi li għandhom jistabbilixxu r-regoli adattati għall-organizzazzjoni ta' dixxiplina sportiva [54]. Minn dan jirriżulta, minn perspettiva organizzazzjonali, li jidher leġittimu li entità tiġi nnominata bħala l-entità responsabbli sabiex tiżgura l-osservanza ta' dawn ir-regoli u li din ikollha l-"għodda" neċessarji sabiex twettaq din il-funzjoni.

96. Dan huwa b'mod partikolari l-każ fil-kuntest ta' dixxiplina sportiva bħall-futbol, li huwa kkaratterizzat bl-involviment ta' numru sinjifikattiv ta' atturi f'livelli differenti tal-piramida fl-organizzazzjoni u fl-iżvolġiment tal-logħob u tal-kompetizzjonijiet. Is-sistema ta' awtorizzazzjoni minn qabel tidher għalhekk tikkostitwixxi mekkaniżmu essenzjali ta' governanza tal-futbol Ewropew sabiex tiżgura, minn naħa, l-applikazzjoni uniformi tar-regoli ta' dan l-isport u, min-naħa l-oħra u b'mod iktar partikolari, l-osservanza ta' standards komuni bejn il-kompetizzjonijiet differenti. Tali sistema tippermetti wkoll li tiġi żgurata l-koordinazzjoni u l-kompatibbiltà tal-kalendarji tal-logħob u tal-kompetizzjonijiet tal-futbol fl-Ewropa.

97. Fil-fatt, mingħajr mekkaniżmu ta' skrutinju *ex ante*, ikun prattikament impossibbli għall-UEFA jew għall-FIFA li jiżguraw it-twettiq tal-għanijiet li għandhom jintlaħqu. F'dan ir-rigward, għandu jiġi nnotat li l-fatt li hemm dixxiplini sportivi oħra li jiffunzjonaw abbażi ta' "mudelli sportivi" differenti fejn, pereżempju, l-organizzazzjoni ta' kompetizzjonijiet indipendenti ma tkunx suġġetta għall-awtorizzazzjoni minn qabel tal-entità regolatorja tal-isport ikkonċernat ma jikkontestax in-natura inerenti tas-sistema ta' awtorizzazzjoni minn qabel implimentata mill-UEFA (li, barra minn hekk, hija applikata wkoll f'dixxiplini sportivi oħra). Fil-fatt, kif ġie kkonstatat fil-punt 32 ta' dawn il-konklużjonijiet, il-"mudell sportiv Ewropew" ma jeskludix il-possibbiltà li dixxiplini sportivi oħra jiġu organizzati b'mod differenti.

98. Minbarra l-aspetti purament "sportivi", tali sistema tista' tkun, min-naħa l-oħra, neċessarja sabiex tissalvagwardja l-istruttura preżenti tal-futbol Ewropew u l-għan ta' solidarjetà. Dan l-għan huwa relatat mill-qrib mar-ridistribuzzjoni kif ukoll mal-investiment mill-ġdid tad-dħul mill-kompetizzjonijiet tal-futbol organizzati taħt l-awspiċi tal-FIFA u tal-UEFA.

99. Madankollu, għandu jiġi spjegat f'dan ir-rigward li, fid-dawl tal-pożizzjonijiet diverġenti espressi matul is-seduta dwar ir-raġuni u l-iskala tal-finanzjamenti inkwistjoni, għandha tkun il-qorti tar-rinviju li tivverifika jekk il-mekkaniżmu ta' ridistribuzzjoni tal-profitti previst mill-UEFA jippermettix effettivament li jintlaħqu l-imsemmija għanijiet. L-istess japplika għall-proposta (jew l-involviment) tal-ESLC li "tkopri" l-ammonti fil-preżent imħallsa mill-UEFA permezz ta' "pagamenti ta' solidarjetà" sabiex jiġi stabbilit jekk tali mekkaniżmu jippermettix, fil-fatt, li jissostitwixxi l-mekkaniżmu li fil-preżent huwa stabbilit mill-UEFA (mingħajr ma jikkomprometti l-istruttura preżenti tal-futbol Ewropew).

[54] Ara s-sentenza tal-11 ta' April 2000, Deliège (C-51/96 u C-191/97, EU:C:2000:199, punti 67 u 68).

*ii) Fuq in-natura inerenti tas-sanzjonijiet*

100. L-osservazzjonijiet preċedenti japplikaw ukoll għas-sistema dixxiplinari prevista mill-UEFA u mill-FIFA. Fil-fatt, kull regola adottata minn federazzjoni sportivi ma tkunx effettiva fl-assenza ta' miżuri dixxiplinari intiżi sabiex jiżguraw l-effikaċja tagħha u sabiex ikun hemm l-osservanza, mill-membri diretti u mill-organizzaturi indipendenti, tar-regoli stabbiliti sabiex jirregolaw il-futbol.

*iii) Fuq l-applikazzjoni tar-regoli ta' awtorizzazzjoni minn qabel u ta' sanzjonijiet tal-UEFA f'dan il-każ*

101. F'dan il-każ, ma huwiex ikkontestat li l-maġġoranza tal-klabbs li jipparteċipaw fl-ESL (jiġifieri ħmistax mill-għoxrin parteċipant) għandhom il-parteċipazzjoni tagħhom żgurata. Barra minn hekk, il-klabbs fundaturi tal-ESL kellhom l-intenzjoni li jkomplu jipparteċipaw fil-kompetizzjonijiet nazzjonali miftuħa organizzati mill-federazzjonijiet u mil-ligs nazzjonali taħt l-awspiċji tal-FIFA u tal-UEFA.

102. Madankollu, tali kompetizzjoni jkollha inevitabbilment effett negattiv fuq il-kampjonati nazzjonali billi tnaqqas l-attrazzjoni ta' dawn il-kompetizzjonijiet (u b'mod partikolari ta' dawk tal-Istati Membri li l-klabbs tagħhom jifformaw parti mill-ESL). Fil-kuntest kurrenti, il-klassifikazzjoni finali miksuba fi tmiem kull staġun fil-kampjonati nazzjonali għandha rwol deċiżiv sabiex jiġu stabbiliti dawk li ser jipparteċipaw fil-kompetizzjoni fl-ogħla livell Ewropew, li jagħmel partikolarment attraenti l-fatt li jintlaħqu (skont il-livell tal-lig nazzjonali) l-ewwel postijiet ta' dawn il-kampjonati. Dan l-element jista' jitlaq, jew tal-inqas jiddgħajjef iktar, jekk ir-riżultati tal-ligs nazzjonali jkunu fil-maġġoranza tagħhom irrilevanti għall-parteċipazzjoni fil-livell superjuri tal-piramida, kif jidher li jirriżulta mill-ambizzjonijiet tal-ESLC. Il-klabbs fundaturi b'hekk ikunu protetti, fil-kampjonati nazzjonali tagħhom, mill-kompetizzjoni tal-klabbs rivali għal post f'kompetizzjoni Ewropea ta' livell għoli. Issa, tali kompetizzjoni ma jidhirx li hija konformi mal-prinċipju li jirregola l-futbol, li jistabbilixxi li l-parteċipazzjoni fil-kompetizzjonijiet hija bbażata fuq il-"mertu sportiv" u r-riżultati miksuba fil-ground.

103. Barra minn hekk, kompetizzjoni bil-karatteristiċi tal-ESL jista' jkollha effett negattiv fuq il-prinċipju tal-ugwaljanza tal-opportunitajiet, li hija element li jifforma parti mill-ugwaljanza tal-kompetizzjonijiet. Fil-fatt, permezz tal-parteċipazzjoni żgurata tagħhom fl-ESL, uħud mill-klabbs jista' jkollhom dħul addizzjonali sinjifikattiv, filwaqt li jkomplu jipparteċipaw fl-istess ħin f'kompetizzjonijiet nazzjonali li fihom jaffrontaw klabbs oħra li ma għandhomx il-possibbiltà li jiġġeneraw dħul fuq skala komparabbli, u wisq inqas fuq bażi permanenti u stabbilita. Id-dħul żgurat li jirriżulta minn parteċipazzjoni permanenti fl-ogħla livell jista' jkun ikkunsidrat bħala vantaġġ kompetittiv sinjifikattiv sabiex jiġu ffinanzjati l-akkwist u r-remunerazzjoni ta' plejers ġodda, li jikkostitwixxi parametru determinanti tal-kompetizzjoni. Il-fatt li bħalissa hemm differenzi sinjifikattivi bejn il-klabbs li qegħdin jipparteċipaw fil-kompetizzjonijiet tal-UEFA ma jistax jiġġustifika ż-żieda f'dawn id-differenzi.

104. Barra minn hekk, skont il-pożizzjoni kważi unanima tal-gvernijiet li pparteċipaw fil-proċedura f'din il-kawża, tali kompetizzjoni tipprekludi essenzjalment il-parteċipazzjoni ta' timijiet li joħorġu mill-maġġoranza tal-pajjiżi Ewropej, peress li tkun ristretta għal parteċipanti li ġejjin minn numru ristrett ta' pajjiżi, u dan iġib miegħu r-riskju li tmur kontra d-dimensjoni "Ewropea" tal-mudell sportiv stabbilit bl-Artikolu 165 TFUE.

105. Suġġett għall-verifiki li l-qorti tar-rinviju għandha tagħmel f'dan ir-rigward, il-mudell tal-ESL jirriskja wkoll li jikkontesta l-prinċipju ta' solidarjetà, peress li l-ħolqien ta' dan il-format ta' kompetizzjoni jista' jnaqqas l-attrattività u l-profittabbiltà tal-kompetizzjonijiet tal-UEFA (u b'mod partikolari ċ-Champions League) u b'hekk inaqqas id-dħul li jirriżulta minnha, li parti minnu jingħata lura għall-futbol bażiku.

106. Minbarra l-għanijiet purament sportivi, u anki jekk jiġi aċċettat li r-regoli stabbiliti mill-UEFA u mill-FIFA kif ukoll it-theddid ta' sanzjonijiet minn naħa tagħhom kienu mmotivati biss minn kunsiderazzjonijiet purament ekonomiċi, tali dispożizzjonijiet tal-istatuti jistgħu, tal-inqas, ikunu neċessarji. B'hekk, jiena nqis li, fil-kuntest ta' din il-kawża, l-applikazzjoni tar-regoli stabbiliti mill-UEFA u l-aġir tagħha fir-rigward tal-ESLC għandhom jiġu interpretati bħala intiżi sabiex jipprekludu fenomenu ta' "sħubija doppja" (dual membership) (jew free riding) li jirriskja li jdgħajjef il-pożizzjoni tal-UEFA (u, għalhekk, tal-FIFA) fis-suq.

107. F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-intenzjoni tal-ESLC ma hijiex li jinħoloq "verament" lig indipendenti magħluq (breakaway league) iżda li tistabbilixxi kompetizzjoni rivali għal dik tal-UEFA, fil-parti l-iktar profitabbli tas-suq tal-organizzazzjoni tal-kompetizzjonijiet tal-futbol Ewropej, filwaqt li tkompli tifforma parti mill-ekosistema tal-UEFA bil-parteċipazzjoni f'uħud minn dawn il-kompetizzjonijiet (u b'mod partikolari fil-kampjonati nazzjonali). Fi kliem ieħor, jidher li l-klabbs fondaturi tal-ESLC jixtiequ, minn naħa, jibbenefikaw minn drittijiet u vantaġġi marbuta mas-sħubija fil-UEFA, mingħajr madankollu ma jkunu marbuta bir-regoli u bl-obbligi tagħha.

108. Issa, mill-perspettiva tad-dritt tal-kompetizzjoni, impriża (jew assoċjazzjoni ta' impriżi bħall-UEFA) ma tistax tiġi kkritikata għaliex tipprova tipproteġi l-interessi ekonomiċi tagħha, b'mod partikolari fir-rigward ta' tali proġett "opportunist" li jirriskja li jdgħajjifha b'mod sinjifikattiv[55]. F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li kienu adattati d-dispożizzjonijiet tal-istatuti ta' assoċjazzjoni kooperattiva li jillimitaw il-possibbiltà għall-membri tagħha (inkluż permezz ta' sanzjonijiet ta' esklużjoni) li jifformaw parti minn forom oħra ta' kooperazzjoni kompetittivi[56].

109. Finalment, għandu jiġi rrilevat li, kuntrarjament għall-Kawża C-124/21 P, li hija bħalissa pendenti (International Skating Union vs Il-Kummissjoni), dan il-każ ma jirrigwardax ir-rifjut tal-UEFA għall-organizzazzjoni ta' kompetizzjoni jew l-impożizzjoni tagħha ta' miżuri dixxiplinari fil-konfront tal-klabbs li jixtiequ jipparteċipaw f'avveniment jew f'kompetizzjoni terza li ma għandhiex ir-riskju li tinfluwenza l-kalendarju sportiv jew li tiddistabbilizza l-istruttura eżistenti tal-mudell ta' governanza u ta' organizzazzjoni tad-dixxiplina sportiva kkonċernata[57].

110. Fid-dawl tal-osservazzjonijiet preċedenti, jiena tal-opinjoni li n-nuqqas ta' rikonoxximent mill-FIFA u mill-UEFA ta' kompetizzjoni essenzjalment magħluqa bħall-ESL jista' jiġi kkunsidrat bħala li huwa inerenti sabiex jintlaħqu ċerti oġġettivi leġittimi (fis-sens tal-ġurisprudenza li tirriżulta mis-sentenzi tad-19 ta' Frar 2002, Wouters *et* (C-309/99, EU:C:2002:98), u tat-18 ta' Lulju 2006, Meca-Medina u Majcen vs Il-Kummissjoni (C-519/04 P, EU:C:2006:492)), inkwantu

[55] Ibáñez Colomo, P., "Competition Law and Sports Governance: Disentangling a Complex Relationship", *World Competition* (2022), Nru 3, vol. 45, p. 337-338.

[56] Ara s-sentenza tal-15 ta' Diċembru 1994, DLG (C-250/92, EU:C:1994:413, punti 40 u 41).

[57] Ara l-punt 131 tal-konklużjonijiet tiegħi fil-Kawża C-124/21 P (International Skating Union vs Il-Kummissjoni) li qegħdin jiġu ppreżentati fl-istess jum.

dan huwa intiż sabiex jinżammu l-prinċipji tal-parteċipazzjoni bbażata fuq ir-riżultati sportivi, l-ugwaljanza tal-opportunitajiet u s-solidarjetà li fuqhom hija bbażata l-istruttura piramidali tal-futbol Ewropew.

*4) Fuq il-proporzjonalità tas-sistema ta’ awtorizzazzjoni minn qabel u tas-sanzjonijiet previsti mir-regoli tal-UEFA*

111. Fil-formulazzjoni stess tal-ewwel tliet domandi preliminari, il-qorti tar-rinviju tqis li la l-proċedura ta’ awtorizzazzjoni minn qabel u lanqas dik intiża għall-impożizzjoni tas-sanzjonijiet ma huma rregolati minn kriterji “oġġettivi, trasparenti u nondiskriminatorji”. F’dan ir-rigward, għandu jiġi nnotat li filwaqt li l-Qorti tal-Ġustizzja, fis-sentenzi MOTOE u OTOC, enfasizzat l-importanza li tiġi rregolata l-possibbiltà li federazzjoni sportiva tuża l-poter tagħha ta’ awtorizzazzjoni u l-poter li timponi sanzjonijiet permezz tal-kriterji identifikati mill-qorti tar-rinviju biex tipprevjeni kull riskju ta’ abbuż, hija sempliċement stabbilixxiet kriterji ġenerali mingħajr ma ddefinixxiet il-kontenut preċiż tagħhom.

112. Għalhekk inqis li l-implimentazzjoni ta’ kriterji stabbiliti mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja għandhom jissodisfaw l-għanijiet segwenti.

113. Kif tindika b’mod ċar il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tirriżulta mis-sentenzi MOTOE u OTOC, tali kriterji għandhom ikunu intiżi, fl-ewwel lok, sabiex jistabbilixxu l-qafas għas-setgħa diskrezzjonali li għandha l-federazzjoni sportiva billi jillimitaw il-marġni ta’ diskrezzjoni u, b’mod partikolari, il-possibbiltà li l-federazzjoni tirrikorri għal deċiżjonijiet arbitrarji billi tirrifjuta l-organizzazzjoni ta’ kompetizzjonijiet sportivi terzi mingħajr ġustifikazzjoni jew għal raġunijiet illeġittimi [58].

114. Fit-tieni lok, dawn il-kriterji għandhom jistabbilixxu b’mod ċar, oġġettiv u bl-iktar mod iddettaljat possibbli l-kundizzjonijiet ta’ aċċess għas-suq sabiex tagħti l-possibbiltà lil kwalunkwe organizzatur ta’ kompetizzjonijiet terzi mhux biss li jkollu viżibbiltà suffiċjenti fir-rigward tal-proċedura li għandha tiġi segwita u tal-kundizzjonijiet li għandhom jiġu ssodisfatti sabiex jidħol fis-suq ikkonċernat, iżda wkoll li jantiċipa, li jekk l-imsemmija kundizzjonijiet huma ssodisfatti, il-federazzjoni inkwistjoni ma għandhiex tkun tista’, bħala regola, tirrifjutalu l-aċċess għas-suq.

115. Fir-rigward, fit-tielet lok, tal-klabbs u tal-plejers ikkonċernati, dawn għandhom ikunu wkoll f’pożizzjoni li jkunu jafu minn qabel il-kundizzjonijiet li fihom jistgħu jipparteċipaw f’avvenimenti terzi u s-sanzjonijiet li jista’ jkun hemm f’każ ta’ parteċipazzjoni f’tali avvenimenti. Lil hinn mill-effett dissważiv tagħhom, dawn is-sanzjonijiet għandhom, barra minn hekk, ikunu suffiċjentement ċari, prevedibbli u proporzjonati sabiex jillimitaw kwalunkwe riskju ta’ applikazzjoni arbitrarja mill-federazzjoni inkwistjoni.

116. Fir-raba’ u l-aħħar lok, kemm l-organizzaturi ta’ kompetizzjonijiet rivali kif ukoll il-klabbs u l-plejers ikkonċernati għandu jkollhom rimedji li jippermettulhom jikkontestaw eventwali deċiżjonijiet ta’ rifjut jew ta’ sanzjonijiet imposti mill-federazzjonijiet sportivi inkwistjoni. Barra minn hekk, dawn ir-rimedji ma għandhomx ikunu limitati għal korpi interni fil-federazzjoni, iżda għandhom jipprevedu wkoll il-possibbiltà li jikkontestaw tali deċiżjonijiet quddiem entità indipendenti.

[58] Ara s-sentenzi MOTOE (punt 51) u OTOC (punt 88).

117. Għalhekk, hija l-qorti tar-rinviju li għandha teżamina, fid-dawl tal-prinċipji stabbiliti fil-punti preċedenti ta' dawn il-konklużjonijiet, in-natura proporzjonata tar-regoli tal-UEFA (u tal-FIFA) dwar awtorizzazzjoni minn qabel u dwar sanzjonijiet. Madankollu, dan l-eżami ma jistax isir b'mod astratt u għandu jieħu inkunsiderazzjoni l-kuntest fattwali, ġuridiku u ekonomiku li fih dawn ir-regoli għandhom ikunu applikati, inkluż, għalhekk, il-karatteristiċi speċifiċi tal-ESL.

*i) Fuq il-proporzjonalità tas-sistema tal-awtorizzazzjoni minn qabel*

118. Qabelxejn għandu jiġi ppreċiżat li l-prinċipji deskritti fil-punti 114 sa 116 ta' dawn il-konklużjonijiet jistgħu jiġu applikati biss fir-rigward ta' kompetizzjonijiet indipendenti li huma stess josservaw l-għanijiet irrikonoxxuti bħala leġittimi li l-federazzjoni sportiva għandha tilħaq. Minn dan isegwi li, anki jekk il-kriterji stabbiliti mill-UEFA ma jissodisfawx il-kriterji ta' trasparenza u ta' nondiskriminazzjoni, dan ma jfissirx li l-kompetizzjoni terza li tmur kontra għanijiet sportivi leġittimi għandha tkun awtorizzata u li r-rifjut tal-UEFA li tawtorizza tali kompetizzjoni ma jistax ikun iġġustifikat.

*ii) Fuq il-proporzjonalità tas-sistema tas-sanzjonijiet*

119. Fis-sentenzi li fihom il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet, fid-dawl tal-għanijiet li għandhom jintlaħqu, in-natura inerenti tas-sanzjonijiet li jkopru, minn naħa, sportivi li kisru r-regoli ta' din il-federazzjoni u, min-naħa l-oħra, il-membri ta' assoċjazzjoni professjonali, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat l-importanza li tiżgura n-natura proporzjonata tal-miżuri dixxiplinari inkwistjoni [59].

120. F'dak li jirrigwarda t-theddid ta' sanzjonijiet min-naħa tal-UEFA, jiena nqis li huwa importanti li tiġi stabbilita distinzjoni bejn is-sanzjonijiet li jistgħu jiġu applikati fil-konfront tal-klabbs u dawk li għalihom jidhru li huma esposti l-plejers ta' klabbs involuti fil-ħolqien tal-ESL.

121. B'hekk, l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet fuq plejers li ma kinux parti mid-deċiżjoni tal-ħolqien tal-ESL jidhirli li hija sproporzjonata, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda l-parteċipazzjoni tagħhom fit-timijiet nazzjonali. B'hekk, deċiżjoni li tippenalizza lill-plejers li ma jidher li ma kienu involuti fl-ebda ksur tar-regoli tal-UEFA u li l-involviment tagħhom fil-ħolqien tal-ESL ma jidhirx li ġie stabbilit tirrifletti applikazzjoni abbużiva u eċċessiva ta' dawn ir-regoli. Barra minn hekk, il-fatt jekk it-timijiet nazzjonali kkonċernati ma jingħatawx aċċess għal uħud mill-plejers tagħhom ifisser li anki dawn qegħdin jiġu ssanzjonati indirettament, sitwazzjoni li tidher li hija wkoll sproporzjonata.

122. Mill-banda l-oħra, is-sanzjonijiet fuq il-klabbs tal-futbol affiljati mal-UEFA, f'każ ta' parteċipazzjoni f'kompetizzjoni internazzjonali bħall-ESL, jistgħu jidhru proporzjonati fid-dawl, b'mod partikolari, tar-rwol li għandhom dawn il-klabbs fl-organizzazzjoni u fil-ħolqien ta' kompetizzjoni li, għar-raġunijiet esposti fil-punti 102 sa 105 ta' dawn il-konklużjonijiet, ma tidhirx li tosserva l-prinċipji essenzjali li jistrutturaw il-mod kif il-futbol Ewropew huwa organizzat u jopera.

123. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nissuġġerixxi li r-risposta li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tagħti għat-tieni domanda preliminari hija li l-Artikolu 101 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix l-Artikoli 22 u 71 sa 73 tal-Istatuti tal-FIFA kif ukoll l-Artikoli 49 u 51

[59] Ara s-sentenzi tal-15 ta' Diċembru 1994, DLG (C-250/92, EU:C:1994:413, punt 41) u tat-18 ta' Lulju 2006, Meca-Medina u Majcen vs Il-Kummissjoni (C-519/04 P, EU:C:2006:492, punt 47).

tal-Istatuti tal-UEFA li jipprevedu li l-ħolqien ta' kompetizzjoni ġdida pan-Ewropea tal-futbol bejn il-klabbs għandha tkun suġġetta għal sistema ta' awtorizzazzjoni minn qabel peress li, fid-dawl tal-karatteristiċi tal-kompetizzjoni ppjanata, l-effetti restrittivi li jirriżultaw mill-imsemmija sistema jidhru inerenti u proporzjonati sabiex jilħqu l-għanijiet leġittimi li għandhom jintlaħqu mill-UEFA u mill-FIFA li huma relatati man-natura speċifika tal-isport.

## 2. *Fuq l-ewwel domanda preliminari*

124. Permezz tal-ewwel domanda preliminari tagħha u tat-tieni parti tat-tielet domanda preliminari tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 102 TFUE għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi d-dispożizzjonijiet tal-Istatuti tal-FIFA u tal-UEFA li jirrigwardaw is-sistema ta' awtorizzazzjoni minn qabel u s-sistema ta' sanzjonijiet.

125. Preliminarjament, għandu jitfakkar li l-Artikolu 102 TFUE jipprojbixxi l-użu abbużiv ta' pożizzjoni dominanti fis-suq intern jew f'parti sostanzjali tiegħu.

126. L-abbuż ta' pożizzjoni dominanti huwa kunċett oġġettiv li jkopri l-aġir ta' impriża f'pożizzjoni dominanti li, f'suq fejn il-livell ta' kompetizzjoni huwa diġà mdgħajjef minħabba preċiżament il-preżenza tal-impriża inkwistjoni għandu, permezz ta' mezzi differenti minn dawk li jirregolaw kompetizzjoni normali ta' prodotti jew ta' servizzi abbażi tat-tranżazzjonijiet ta' operaturi ekonomiċi, l-effett li jostakola ż-żamma tal-livell ta' kompetizzjoni li għadha teżisti fis-suq jew l-iżvilupp ta' din il-kompetizzjoni [60].

127. Skont ġurisprudenza stabbilita, l-eżistenza ta' pożizzjoni dominanti timponi responsabbiltà partikolari fuq l-entità li għandha din il-pożizzjoni sabiex, permezz tal-aġir tagħha, ma tipprekludix l-iżvilupp ta' kompetizzjoni effettiva u mingħajr distorsjoni tas-suq intern [61]. Il-kwistjoni dwar jekk l-aġir tagħha huwiex abbużiv, f'każ partikolari, għandha tkun eżaminata b'mod oġġettiv u konkret, filwaqt li jiġu kkunsidrati ċ-ċirkustanzi fattwali kollha, il-karatteristiċi tas-suq ikkonċernat u l-aġir inkwistjoni, u billi jiġu bbilanċjati l-effetti esklużjonarji reali jew potenzjali mal-effiċjenzi li jistgħu jinnewtralizzaw dawn l-effetti, għall-benefiċċju tal-konsumaturi [62].

128. Madankollu, l-eżistenza ta' pożizzjoni dominanti ma tipprevjenix lil impriża f'din il-pożizzjoni la mid-dritt li tipproteġi l-interessi kummerċjali tagħha, meta dawn jiġu kkontestati [63], u lanqas mill-possibbiltà, sa fejn raġonevoli, li twettaq l-atti li hija tqoss li huma adattati sabiex tipproteġihom, sakemm dan l-aġir ma jikkostitwixxix abbuż ta' pożizzjoni dominanti [64].

60 Sentenza tal-25 ta' Marzu 2021, Deutsche Telekom vs Il-Kummissjoni (C-152/19 P, EU:C:2021:238, punt 41 u l-ġurisprudenza ċċitata).

61 Ara s-sentenza tas-6 ta' Settembru 2017, Intel vs Il-Kummissjoni (C-413/14 P, EU:C:2017:632, punt 135).

62 Ara s-sentenza tas-6 ta' Settembru 2017, Intel vs Il-Kummissjoni (C-413/14 P, EU:C:2017:632, punti 138 u 140).

63 Ara s-sentenza tal-14 ta' Frar 1978, United Brands u United Brands Continentaal vs Il-Kummissjoni (27/76, EU:C:1978:22, punt 189).

64 Ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Rantos fil-kawża Servizio Elettrico Nazionale *et* (C-377/20, EU:C:2021:998, punti 58 u 59).

*a) Fuq l-eżistenza ta' pożizzjoni dominanti tal-UEFA u tal-FIFA*

129. Fid-dawl tal-ispjegazzjonijiet mogħtija mill-qorti tar-rinviju, għandna nitilqu mill-ipoteżi li s-suq rilevanti huwa dak tal-organizzazzjoni u tal-ġestjoni kummerċjali ta' kompetizzjonijiet internazzjonali ta' klabbs tal-futbol fil-livell Ewropew u li l-UEFA għandha pożizzjoni dominanti (jekk mhux monopolistika) f'dan is-suq, peress li hija l-unika organizzatur tal-kompetizzjonijiet il-kbar kollha tal-futbol bejn il-klabbs f'livell Ewropew.

*b) Fuq l-użu abbużiv ta' pożizzjoni dominanti min-naħa tal-UEFA u tal-FIFA*

130. Għandu jitfakkar li l-eżerċizzju, minn federazzjoni sportiva, tal-funzjoni regolatorja li tinnomina l-persuni awtorizzati sabiex jorganizzaw kompetizzjonijiet u biex jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet li fihom dawn il-kompetizzjonijiet huma organizzati, għandu jkun suġġett għal restrizzjonijiet, obbligi jew skrutinju sabiex ikun evitat li l-persuna ġuridika kkonċernata tikkawża distorsjoni tal-kompetizzjoni billi tiffavorixxi l-kompetizzjonijiet li hija torganizza jew dawk li fihom tipparteċipa[65]. F'dan il-kuntest, ir-"responsabbiltà partikolari" li għandhom il-FIFA u l-UEFA, għall-finijiet tal-Artikolu 102 TFUE, tinsab preċiżament fil-fatt li huma obbligati jiżguraw, waqt l-eżami tat-talbiet għal awtorizzazzjoni ta' kompetizzjoni ġdida, li t-terzi ma jkunux *inġustament* imċaħħda minn aċċess għas-suq.

131. Konsegwentement, l-analiżi żviluppata dwar l-applikazzjoni tal-ġurisprudenza relatata mar-"restrizzjonijiet anċillari" fil-kuntest tar-risposta mogħtija għat-tieni domanda preliminari tista' tkun trasposta meta jiġu eżaminati l-miżuri inkwistjoni f'din il-kawża fid-dawl tal-Artikolu 102 TFUE[66].

132. Għall-finijiet ta' kompletezza, madankollu nqis li huwa utli li jiġu eżaminati fil-qosor żewġ kwistjonijiet relatati speċifikament mal-applikazzjoni tal-Artikolu 102 TFUE għar-regoli stabbiliti mill-UEFA u mill-FIFA li tqajmu minn uħud mill-partijiet fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħhom u diskussi waqt is-seduta.

*1) Fuq il-kwistjoni tal-"prevenzjoni ta' kunflitti ta' interessi" fir-rigward tal-Artikolu 102 TFUE*

133. L-ESLC issostni li l-fatt li l-UEFA tagħti lilha nnifisha l-poter li tawtorizza kompetizzjonijiet alternattivi minkejja li hemm kunflitt ta' interessi jikkostitwixxi, fih innifsu, abbuż minn pożizzjoni dominanti. B'hekk, l-uniku mod, skont l-ESLC, sabiex din is-sitwazzjoni tkun riżolta huwa billi r-regolamentazzjoni tal-isport tiġi sseparata mill-organizzazzjoni tal-kompetizzjonijiet u mill-ġestjoni kummerċjali tagħhom.

134. Fl-ewwel lok, infakkar, li s-sempliċi fatt li federazzjoni sportiva teżerċita kemm il-funzjonijiet ta' regolatur kif ukoll ta' organizzatur ta' kompetizzjonijiet sportivi ma jfissirx fih innifsu li hemm ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni tal-Unjoni[67]. Fil-fatt, anki jekk separazzjoni strutturali kif issuġġerita mill-ESLC li tikkonsisti fl-għoti tal-eżerċizzju ta' setgħat regolatorji lil entità indipendenti li ma jkollha l-ebda rabta ma' xi impriża attiva fis-suq ikkonċernat tkun tali li telimina kwalunkwe kunflitt ta' interessi, din ma hijiex l-unika soluzzjoni mandatorja. B'hekk, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja mfakkra fil-punti 45 u 46 ta' dawn il-konklużjonijiet

[65] Ara l-punt 46 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[66] Ara l-punti 85 sa 121 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[67] Ara l-punti 46 u 48 ta' dawn il-konklużjonijiet.

jirriżulta b'mod ċar li, sabiex ma jkunx hemm kunflitti ta' interess potenzjali, federazzjoni tista' tistabbilixxi wkoll proċedura ta' awtorizzazzjoni ta' kompetizzjonijiet terzi billi tidentifika kriterji ta' awtorizzazzjoni ddefiniti minn qabel b'mod oġġettiv u nondiskriminatorju.

135. Fit-tieni lok, jekk tkun imposta separazzjoni strutturali jfisser li tkun ipprojbita kwalunkwe attività ekonomika mill-federazzjonijiet sportivi li huma fl-istess sitwazzjoni bħall-UEFA u l-FIFA, sitwazzjoni diffiċilment konċiljabbli mal-fatt li, minkejja l-karatteristiċi partikolari tagħhom, dawn huma wkoll impriżi li għalihom, bħal kwalunkwe impriża oħra, il-fatt li jintlaħqu l-għanijiet ekonomiċi huwa inerenti għall-attività tagħhom u fih innifsu ma huwiex antikompetittiv.

136. Fit-tielet lok, separazzjoni ("forzata") bejn l-attivitajiet "regolatorji" u "kummerċjali" eżerċitati minn federazzjoni sportiva għandha r-riskju li tostakola l-"mudell sportiv Ewropew", b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda d-dixxiplini sportivi li għalihom l-istruttura piramidali għandha rwol importanti, bħall-futbol. Issa, fil-kuntest ta' dawn l-attivitajiet sportivi, il-funzjonijiet regolatorji u ekonomiċi huma marbuta u interdipendenti, peress li d-dħul li jirriżulta mill-ġestjoni kummerċjali tal-kompetizzjonijiet organizzati taħt l-awspiċji ta' dawn il-federazzjonijiet jitqassam mill-ġdid għall-finijiet tal-iżvilupp tal-isport ikkonċernat.

*2) Fuq l-applikazzjoni tat-teorija ta' "faċilitajiet essenzjali"*

137. Kwistjoni speċifika mqajma fil-kuntest tal-analiżi tal-ewwel domanda preliminari hija dik tar-rilevanza li jista' jkollha, għall-finijiet tal-analiżi ta' regoli ta' awtorizzazzjoni minn qabel u ta' parteċipazzjoni stabbiliti mill-FIFA u mill-UEFA fir-rigward tal-Artikolu 102 TFUE, il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-"faċilitajiet essenzjali" li tirriżulta mis-sentenza Bronner[68].

138. Skont it-teorija tal-faċilitajiet essenzjali, impriża dominanti li għandha jew tikkontrolla infrastruttura essenzjali tista' tkun kostretta li tikkoopera mal-kompetituri tagħha billi tagħtihom aċċess għal din l-infrastruttura mingħajr diskriminazzjoni. B'hekk, fis-sentenza Bronner, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li, sabiex ir-rifjut minn impriża f'pożizzjoni dominanti li tagħti l-aċċess għal infrastruttura jew għal servizzi jkun jista' jikkostitwixxi abbuż fis-sens tal-Artikolu 102 TFUE, dak ir-rifjut għandu jkun ta' natura li jista' jelimina kull kompetizzjoni fis-suq min-naħa tal-persuna li titlob is-servizz, ma jistax ikun oġġettivament iġġustifikat u s-servizz fih innifsu għandu jkun indispensabbli għall-eżerċizzju tal-attività ta' min jitlob is-servizz fis-sens li ma kien hemm l-ebda sostitut reali jew potenzjali għalih[69].

139. Għar-raġunijiet segwenti, jiena tal-opinjoni li l-"ekosistema" tal-UEFA u tal-FIFA ma tistax tkun ikkunsidrata bħala "faċilità essenzjali" u li għalhekk l-applikazzjoni ta' din id-duttrina għandha tiġi miċħuda f'din il-kawża.

140. F'dak li jirrigwarda, l-ewwel, ir-rekwiżit ta' awtorizzazzjoni minn qabel, għandu jiġi kkonstatat li din l-awtorizzazzjoni ma hijiex indispensabbli sabiex terz, pereżempju l-ESLC, jorganizza kompetizzjoni ġdida tal-futbol. Kif ġie kkonstatat fil-punt 75 ta' dawn il-konklużjonijiet, ma hemm l-ebda ostakolu legali li jista' jipprekludi lill-klabbs li jipparteċipaw fl-inizjattiva tal-ESLC milli joħolqu u jorganizzaw b'mod ħieles l-kompetizzjoni tagħhom stess,

[68] Sentenza tas-26 ta' Novembru 1998 (C-7/97, EU:C:1998:569).

[69] Sentenza tas-26 ta' Novembru 1998, Bronner (C-7/97, EU:C:1998:569, punt 41).

barra mill-ekosistema tal-UEFA u tal-FIFA. L-awtorizzazzjoni ta' dawn il-federazzjonijiet b'hekk hija rikjesta biss sa fejn il-klabbs li jipparteċipaw fl-ESL jixtiequ jibqgħu affiljati mal-UEFA u jkomplu jipparteċipaw fil-kompetizzjonijiet tal-futbol organizzati minnha.

141. It-tieni, il-ħolqien ta' lig bħall-ESL ma jirrikjedix li tiġi riprodotta l-infrastruttura eżistenti tal-UEFA bl-obbligi relatati magħha. Ma hemm xejn li jobbliga lill-organizzaturi ta' kompetizzjoni ġdida indipendenti li għandhom joħolqu l-proġett tagħhom abbażi ta' mudell organizzazzjonali simili għal dak tal-UEFA u tal-FIFA. B'hekk, kif imsemmi fil-punti 106 u 107 ta' dawn il-konklużjonijiet, il-kwistjoni reali f'din il-kawża tirrigwarda l-possibbiltà li għandu jkollhom dawn il-klabbs li joħolqu l-lig tagħhom stess u fl-istess ħin jippretendu li jkomplu jipparteċipaw fl-ekosistema tal-futbol tal-FIFA u tal-UEFA, kif ukoll fil-kompetizzjonijiet organizzati minn dawn tal-aħħar. Issa, f'tali sitwazzjoni, il-ġurisprudenza dwar il-faċilitajiet essenzjali ma tistax tkun rilevanti.

142. It-tielet, l-applikazzjoni tal-ġurisprudenza dwar il-faċilitajiet essenzjali hija ġġustifikata biss jekk rifjut għal aċċess huwa tali li jelimina jew li jagħmel eċċessivament diffiċli kwalunkwe kompetizzjoni fis-suq relatat, jew li jipprekludi t-tnedija ta' prodott ġdid li għalih teżisti domanda, li, għar-raġunijiet iċċitati iktar 'il fuq, ma japplikax f'dan il-każ.

143. Ir-raba', bla ħsara għall-osservazzjonijiet magħmula fil-punti 133 sa 142 ta' dawn il-konklużjonijiet, jidhirli li r-rifjut tal-UEFA jista' jiġi oġġettivament iġġustifikat kemm fuq il-livell sportiv fir-rigward tal-għanijiet leġittimi li għandhom jintlaħqu minn din il-federazzjoni kif ukoll fuq il-livell ekonomiku fil-ġlieda kontra l-parassitiżmu jew fenomenu ta' "sħubija doppja" li tista' ddgħajjef il-pożizzjoni tal-UEFA u tal-FIFA fis-suq[70].

144. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li r-risposta li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tagħti għall-ewwel domanda preliminari hija li l-Artikolu 102 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix l-Artikoli 22 u 71 sa 73 tal-Istatuti tal-FIFA kif ukoll l-Artikoli 49 u 51 tal-Istatuti tal-UEFA li jipprevedu li l-ħolqien ta' kompetizzjoni ġdida pan-Ewropea tal-futbol bejn il-klabbs għandha tkun suġġetta għal sistema ta' awtorizzazzjoni minn qabel peress li, fid-dawl tal-karatteristiċi tal-kompetizzjoni ppjanata, l-effetti restrittivi li jirriżultaw mill-imsemmija sistema jidhru inerenti u proporzjonati sabiex jilħqu l-għanijiet leġittimi li għandhom jintlaħqu mill-UEFA u mill-FIFA li huma relatati man-natura speċifika tal-isport.

### *3. Fuq it-tielet domanda preliminari*

145. Peress li l-kwistjoni tal-legalità għall-finijiet tad-dritt tal-kompetizzjoni tal-aġir kopert bit-tielet domanda preliminari hija intrinsikament marbuta ma' dik tar-regoli li huma s-suġġett tal-ewwel żewġ domandi preliminari, dawn kienu suġġetti għal analiżi konġunta, kif ġie spjegat fil-punt 54 ta' dawn il-konklużjonijiet. B'mod iktar speċifiku, l-analiżi tad-domandi relatati mas-sanzjonijiet tal-UEFA u tal-FIFA saret fil-punti 83 u 84, 101 sa 108, 111 sa 117 u 119 sa 122 ta' dawn il-konklużjonijiet.

146. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li r-risposta li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tagħti għat-tielet domanda preliminari hija li l-Artikolu 101 TFUE u l-Artikolu 102 TFUE għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprojbixxux lill-FIFA, lill-UEFA, lill-federazzjonijiet membri tagħhom jew lil-ligs nazzjonali tagħhom milli joħorġu theddid ta'

[70] Ara l-punti 106 sa 108 ta' dawn il-konklużjonijiet.

sanzjonijiet kontra klabbs affiljati ma' dawn il-federazzjonijiet meta dawn il-klabbs jipparteċipaw fi proġett sabiex tinħoloq kompetizzjoni ġdida pan-Ewropea tal-futbol bejn il-klabbs li għandha r-riskju li tippreġudika l-għanijiet li leġittimament għandhom jintlaħqu mill-imsemmija federazzjonijiet li tagħhom huma membri. Madankollu, is-sanzjonijiet ta' esklużjoni ta' plejers li ma għandhom l-ebda involviment fil-proġett inkwistjoni huma sproporzjonati, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda l-esklużjoni tagħhom mit-timijiet nazzjonali.

### *4. Fuq il-ħames domanda preliminari*

147. Permezz tal-ħames domanda preliminari tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi dwar l-applikabbiltà tal-eżenzjonijiet u tal-ġustifikazzjonijiet "klassiċi" fid-dritt tal-kompetizzjoni, bħal dawk previsti rispettivament fit-Trattat FUE fil-każ tal-Artikolu 101(3) TFUE u stabbiliti bil-ġurisprudenza fir-rigward tal-Artikolu 102 TFUE[71].

148. Għandu jiġi nnotat, qabelxejn, li jkun hemm lok li tingħata risposta għal din id-domanda biss jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata, fid-dawl tar-risposti mogħtija għall-ewwel u għat-tieni domanda preliminari, li l-Artikoli 101 u 102 TFUE ġew miksura. Fid-dawl tar-risposti li qiegħed nipproponi li jingħataw għal dawn id-domandi, dan ma huwiex il-każ.

149. Barra minn hekk, minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li hija l-parti li tkun akkużata li kisret ir-regoli tal-kompetizzjoni li għandha tressaq il-prova li l-aġir tagħha jissodisfa l-kundizzjonijiet li jippermettu li jiġi kkunsidrat li dak l-aġir jaqa' taħt l-Artikolu 101(3) TFUE[72] jew li huwa oġġettivament iġġustifikat fir-rigward tal-Artikolu 102 TFUE[73]. Madankollu, għandu jiġi kkonstatat li, f'dan il-każ, id-deċiżjoni tar-rinviju ġiet adottata mingħajr ma nstemgħu l-FIFA u l-UEFA qabel u għalhekk mingħajr ma setgħu jippreżentaw argumenti u provi relatati mal-osservanza ta' dawn il-kundizzjonijiet fiċ-ċirkustanzi speċifiċi tal-każ.

150. Fid-dawl tar-risposti proposti għall-ewwel tliet domandi preliminari u fid-dawl tal-ispjegazzjonijiet preċedenti, nikkunsidra li ma hemmx lok sabiex tingħata risposta għall-ħames domanda preliminari[74].

### *5. Fuq ir-raba' domanda preliminari*

151. Ir-raba' domanda preliminari tistieden lill-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi dwar il-kompatibbiltà tar-regoli implimentati mill-FIFA relatati mal-ġestjoni tad-drittijiet sportivi fir-rigward tal-Artikoli 101 u 102 TFUE. Dawn ir-regoli jipprevedu, b'mod iktar partikolari, li d-drittijiet kollha relatati mal-ġestjoni tal-kompetizzjonijiet internazzjonali tal-futbol jappartjenu "oriġinarjament" lill-FIFA u lill-konfederazzjonijiet reġjonali bħall-UEFA, li "huma esklużivament

[71] Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tas-27 ta' Marzu 2012, Post Danmark (C-209/10, EU:C:2012:172, punti 40 sa 42).

[72] L-Artikolu 101(3) TFUE fil-fatt jippermetti li jiġu ddikjarati inapplikabbli d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 ta' dan l-artikolu meta l-ftehim bejn l-impriżi jikkontribwixxi "sabiex itejbu l-produzzjoni jew id-distribuzzjoni ta' prodotti, jew sabiex jippromwovu progress tekniku jew ekonomiku waqt li fl-istess ħin, jassiguraw li l-konsumaturi jkollhom sehem ġust mill-benefiċċji li joħorġu minnhom", bil-kundizzjoni li ma jiġux imposti fuq l-impriżi kkonċernati "restrizzjonijiet li ma jkunux indispensabbli għall-kisba ta' l-għanijiet ta' hawn fuq".

[73] Ara l-premessa 5 u l-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 tas-16 ta' Diċembru 2002 fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli [101 u 102 TFUE] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 2, p. 205), kif ukoll is-sentenzi tal-11 ta' Lulju 1985, Remia *et* vs Il-Kummissjoni (42/84, EU:C:1985:327, punt 45), u tas-6 ta' Ottubru 2009, GlaxoSmithKline Services *et* vs Il-Kummissjoni *et* (C-501/06 P, C-513/06 P, C-515/06 P u C-519/06 P, EU:C:2009:610, punti 82 u 83).

[74] Ara l-punt 17 ta' dawn il-konklużjonijiet.

kompetenti biex jawtorizzaw ix-xandir tal-logħob u ta’ avvenimenti li jaqgħu fil-ġurisdizzjoni tagħhom fuq mezzi, b’mod partikolari awdjoviżivi, u dan mingħajr ebda restrizzjoni dwar il-post, il-kontenut, il-ħin, l-aspetti tekniċi u l-aspetti legali” [traduzzjoni mhux uffiċjali].

### *a) Osservazzjonijiet preliminari*

152. Qabel ma nipproċedi għall-analiżi tar-raba’ domanda preliminari, jidhirli li huwa importanti li jsiru ċerti kjarifiki dwar il-kuntest li fih jaqgħu dawn ir-regoli, b’mod partikolari fid-dawl ta’ ċerti konstatazzjonijiet li saru mill-qorti tar-rinviju fir-rigward tal-interpretazzjoni ta’ dawn id-dispożizzjonijiet, filwaqt li jitfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tinterpreta d-dispożizzjonijiet tal-Istatuti tal-FIFA u tal-UEFA li, mingħajr dubju, ma humiex parti mill-*corpus* tad-dritt tal-Unjoni.

153. L-Artikoli 67 u 68 tal-Istatuti tal-FIFA jistipulaw li din tal-aħħar tallega li għandha l-proprjetà oriġinali esklużiva tad-drittijiet li jirriżultaw mill-kompetizzjonijiet li jaqgħu fil-“ġurisdizzjoni” tal-UEFA. Għandu jiġi kkonstatat li l-fatt li dan it-terminu ma huwiex iddefinit fl-istatuti tal-FIFA joħloq ċertu konfużjoni, kif jixhdu l-pożizzjonijiet diverġenti tal-ESLC, minn naħa, u tal-FIFA u tal-UEFA, min-naħa l-oħra. B’hekk, l-ESLC issostni interpretazzjoni letterali (relattivament wiesgħa) tat-terminu “ġurisdizzjoni” billi tiddikjara li jkopri allokazzjoni kompleta (u esklużiva) tad-drittijiet tal-futbol għall-kompetizzjonijiet kollha li, ġeografikament, jinsabu fil-kontinent Ewropew. Mill-banda l-oħra, il-FIFA u l-UEFA jsostnu, essenzjalment, li r-riferiment għat-terminu “ġurisdizzjoni” għandu rilevanza legali u mhux ġeografika, fis-sens li jkopri biss il-kompetizzjonijiet awtorizzati minnhom fl-Ewropa.

154. Min-naħa tagħha, il-Kummissjoni tqis li dawn id-dispożizzjonijiet għandhom jinqraw flimkien mal-Artikolu 49(1) tal-Istatuti tal-UEFA, li jipprevedi li l-UEFA biss għandha kompetenza torganizza kompetizzjonijiet internazzjonali fl-Ewropa li fihom jipparteċipaw l-assoċjazzjonijiet u/jew il-klabbs li magħhom huma affiljati. Meħuda flimkien, dawn l-espressjonijiet jistgħu jinftiehmu, kif fuq kollox jidher li ssostni l-qorti tar-rinviju, fis-sens li l-FIFA tippretendi, mingħajr ebda restrizzjoni, li l-UEFA hija proprjetarja esklużiva f’dak li jirrigwarda l-kompetizzjonijiet li fihom jipparteċipaw il-klabbs ta’ dawn l-assoċjazzjonijiet membri, li jidher li jindika li tkopri wkoll id-drittijiet marbuta ma’ kompetizzjonijiet bħall-ESL.

155. F’dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, fl-ewwel lok, l-Artikoli 67 u 68 tal-Istatuti tal-FIFA jaqgħu f’kuntest partikolari adattat għal ċertu sports ta’ popolarità kbira, fosthom il-futbol, fejn hemm mekkaniżmu għal ġestjoni ċċentralizzata tad-drittijiet marbuta mal-kompetizzjonijiet l-iktar importanti.

156. Kuntrarjament għal dak li ssostni l-ESLC, l-istruttura ta’ dan il-mudell ma tidhirx li hija bbażata fuq obbligu ta’ trasferiment ta’ drittijiet li għandhom il-klabbs tal-futbol jew l-organizzaturi ta’ kompetizzjonijiet tal-futbol kontra l-volontà tagħhom lill-UEFA. Għall-kuntrarju, tidher iktar, minn perspettiva legali, li l-klabbs li jipparteċipaw fil-kompetizzjonijiet tal-UEFA b’mod volontarju għaddew il-ġestjoni tad-drittijiet sportivi tagħhom lil din tal-aħħar, filwaqt li baqgħu l-proprjetarji effettivi finali tagħhom u, b’hekk, jirċievu parti mid-dħul li jirriżulta mill-bejgħ tagħhom. B’hekk il-“proprjetà”, kompleta u esklużiva, kif prevista mill-artikoli inkwistjoni, tista’ tinftiehem biss, b’mod kunċettwali, bħala li hija l-espressjoni ta’ proprjetà konġunta tal-UEFA (bħala l-organizzatriċi tal-kompetizzjonijiet

Ewropej tal-futbol) u tal-klabbs tal-futbol professjonali (bħala parteċipanti fihom)[75].

157. Fit-tieni lok, filwaqt li, effettivament, l-Artikoli 67 u 68 tal-Istatuti tal-FIFA għandhom termini ambigwi li jistgħu jiġu interpretati fis-sens li jkopru wkoll kompetizzjonijiet tal-futbol organizzati minn terzi fl-Ewropa, jiena tal-opinjoni li dawn id-dispożizzjonijiet ma jistgħux jinftiehmu bħala li jimponu, permezz ta' trasferiment mandatorju, esproprijazzjoni ta' dawn id-drittijiet favur l-UEFA meta dawn id-drittijiet jirriżultaw minn kompetizzjoni terza mingħajr rabta ma' din il-federazzjoni. Fl-opinjoni tiegħi, dawn id-dispożizzjonijiet jistgħu jikkonċernaw biss id-drittijiet kummerċjali li jirriżultaw minn kompetizzjonijiet organizzati taħt l-awspiċji tal-UEFA, b'tali mod li kull kompetizzjoni indipendenti maħluqa barra mill-ekosistema tal-UEFA ma tistax tkun suġġetta għal dawn ir-regoli. Barra minn hekk, entità privata ma tistax, fi kwalunkwe każ, tirregola permezz tar-regoli tagħha stess, l-aġir ta' entitajiet privati oħra indipendenti minnha. L-organizzaturi ta' tali kompetizzjoni huma, bħala regola, liberi li jiġġestixxu d-drittijiet li jirriżultaw minn din il-kompetizzjoni kif jixtiequ mingħajr ebda intervent tal-UEFA.

### *b) Analiżi*

158. Ma hemmx dubju li l-FIFA, fil-kwalità tagħha ta' assoċjazzjoni ta' impriżi jew ta' impriża li torganizza u tikkummerċjalizza kompetizzjonijiet internazzjonali tal-futbol, għandha attività ekonomika li tinvolvi investimenti kemm intellettwali kif ukoll kummerċjali, tekniċi u finanzjarji. Tali attività għandha tkun tista', min-natura tagħha stess, tibbenefika minn protezzjoni legali, minn naħa, u tirċievi remunerazzjoni li hija sors essenzjali – iżda mhux esklużiv – li jista' jirriżulta mill-ġestjoni tad-drittijiet sportivi (distribuzzjoni, xandir jew oħrajn) marbuta mal-kompetizzjonijiet, min-naħa l-oħra.

159. Barra minn hekk, mill-prattika deċiżjonali tal-Kummissjoni dwar dan it-tip ta' ftehimiet ta' kummerċjalizzazzjoni marbuta ma' kompetizzjonijiet sportivi, u b'mod partikolari mid-deċiżjoni tagħha dwar il-bejgħ ċentralizzat tad-drittijiet kummerċjali fuq iċ-Champions Lig tal-UEFA, jirriżulta li l-ftehimiet li jipprevedu l-għoti esklużiv ta' dawn id-drittijiet lil entità waħda jistgħu jirrestrinġu l-kompetizzjoni[76] (minkejja l-fatt li jistgħu jiġu eżentati bis-saħħa tal-Artikolu 101(3) TFUE)[77].

160. Minkejja li l-domanda magħmula mill-qorti tar-rinviju hija sostanzjalment differenti minn dik eżaminata mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni ċċitata iktar 'il fuq – fis-sens li l-allegata restrizzjoni tal-kompetizzjoni, f'dan il-każ, ma hijiex limitata biss għall-problema tal-bejgħ ċentralizzat u tal-ġestjoni esklużiva tad-drittijiet kummerċjali fuq kompetizzjoni speċifika tal-UEFA, iżda tirrigwarda wkoll il-kwistjoni ta' allegata "approprjazzjoni" tad-drittijiet relatati ma' kompetizzjonijiet oħra li jistgħu jsiru fl-Ewropa kif ukoll il-fatt li dawn ir-regoli għandhom bħala għan jew riżultat li jikkompletaw il-monopolju li għandha l-UEFA fis-suq tal-organizzazzjoni u tal-kummerċjalizzazzjoni tal-kompetizzjonijiet tal-futbol, dawn iż-żewġ kwistjonijiet huma relatati f'dak li jirrigwarda l-poteri u d-drittijiet li jagħtu l-Istatuti tal-FIFA lill-UEFA li tkun il-proprjetarja u l-organu ta' bejgħ esklużiv tad-drittijiet kummerċjali tal-kompetizzjonijiet tal-futbol fl-Ewropa.

75 Ara wkoll, f'dan is-sens, il-premessi 110, 122 u 123 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-23 ta' Lulju 2003 dwar proċediment skont l-Artikolu 81 tat-Trattat tal-KE u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (COMP/C.2-37.398 - Bejgħ ċentralizzat ta' drittijiet kummerċjali fuq iċ-Champions League tal-UEFA (ĠU 2003, L 291, p. 25).

76 Ara l-premessi 113 sa 132 tad-deċiżjoni "Bejgħ ċentralizzat tad-drittijiet kummerċjali fuq iċ-Champions League tal-UEFA".

77 Ara l-premessi 136 sa 197 tad-deċiżjoni "Bejgħ ċentralizzat tad-drittijiet kummerċjali fuq iċ-Champions League tal-UEFA".

161. F’dan ir-rigward, għandu jiġi nnotat li, f’dan il-każ, il-ġestjoni tad-drittijiet tal-futbol li fihom huma involuti l-FIFA u l-UEFA huwa attività ekonomika “sekondarja” jew “inċidentali” meta mqabbla mal-attività ekonomika “bażika” li jikkostitwixxu l-organizzazzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-kompetizzjonijiet internazzjonali tal-futbol, li jiena analizzajt fil-kuntest tal-ewwel żewġ domandi preliminari. Fil-fatt, l-analiżi tar-regoli tal-UEFA flimkien tidher li tindika li l-kompetizzjonijiet kollha li fihom jipparteċipaw il-klabbs li huma affiljati ma’ din il-federazzjoni għandhom ikunu suġġetti għar-regoli preskritti minnha, inkluż dawk li jirrigwardaw il-ġestjoni ta’ dawn id-drittijiet. Minn dan jirriżulta li tali xenarju jista’ jagħti lok għal restrizzjoni tal-kompetizzjoni, peress li dawn ir-regoli jistgħu jitqiesu bħala barrieri (addizzjonali) għad-dħul fis-suq li jostakolaw il-ħolqien u l-iżvilupp ta’ kompetizzjonijiet ġodda sportivi u jkollhom, b’dan il-mod, effetti (tal-inqas potenzjali) ta’ esklużjoni mis-suq tal-organizzazzjoni u tal-kummerċjalizzazzjoni tal-kompetizzjonijiet (billi jikkontribwixxu sabiex is-suq jingħalaq għad-detriment tal-kompetituri) kif ukoll fis-suq tal-ġestjoni tad-drittijiet sportivi (billi jimponu fuq il-klabbs li jipproċedu għal din il-ġestjoni b’mod ċentralizzat u esklużiv għal dawn id-drittijiet kollha).

162. Jekk tista’ tintwera restrizzjoni tal-kompetizzjoni, għandu jiġi eżaminat jekk din ir-restrizzjoni twassalx sabiex jintlaħaq għan leġittimu u proporzjonat magħha, jew jekk dan l-aġir restrittiv jissodisfax il-kundizzjonijiet sabiex jibbenefika minn eżenzjoni individwali skont l-Artikolu 101(3) TFUE jew jekk din tkunx oġġettivament iġġustifikata fis-sens tal-Artikolu 102 TFUE.

163. Fir-rigward tal-ġustifikazzjoni potenzjali ta’ dawn ir-restrizzjonijiet abbażi tad-duttrina tar-restrizzjonijiet inċidentali, din il-kwistjoni għandha tiġi kkunsidrata, essenzjalment, b’riferiment għall-qafas analitiku li jinsab fil-punti 93 sa 118 ta’ dawn il-konklużjonijiet.

164. Fir-rigward, b’mod iktar preċiż, tal-għanijiet leġittimi li għandhom jintlaħqu minn dawn ir-regoli, apparti dawk marbuta mal-“mudell sportiv Ewropew” u li huma deskritti fil-punti 30 u 95 sa 98 ta’ dawn il-konklużjonijiet, l-għan tas-solidarjetà finanzjarja jidher partikolarment rilevanti, f’dan il-każ, peress li parti kbira mill-profitti mqassma mill-ġdid tidher li tirriżulta direttament mill-ġestjoni tad-drittijiet kummerċjali ta’ dawn il-kompetizzjonijiet. F’dan ir-rigward, ninnota li l-Artikoli 67 u 68 tal-Istatuti tal-FIFA isegwu għan leġittimu rrikonoxxut, b’mod partikolari, mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni “Bejgħ ċentralizzat tad-drittijiet kummerċjali fuq iċ-Champions League tal-UEFA”, li jikkonsisti fil-massimizzazzjoni tad-dħul li jirriżulta mill-ġestjoni tad-drittijiet sportivi relatati mal-kompetizzjonijiet organizzati mill-UEFA, li jiġu assenjati kompletament għall-iżvilupp tal-futbol b’mod ġenerali u sabiex tintwera solidarjetà lejn il-klabbs li jkunu fil-livelli iktar ’l isfel tal-“piramida” [78].

165. Barra minn hekk, bla ħsara għal verifiki li għandhom isiru mill-qorti tar-rinviju, dawn l-artikoli jidhru proporzjonati sabiex jintlaħaq tali għan inkwantu jagħtu d-drittijiet ta’ proprjetà inkwistjoni lill-FIFA u lill-UEFA, għaliex dan l-arranġament jippermetti li jiġu evitati d-diffikultajiet li jirriżultaw min-negozjar mill-ġdid regolari tat-tqassim tad-dħul korrispondenti bejn il-klabbs.

166. F’dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-futbol huwa kkaratterizzat minn interdipendenza ekonomika bejn il-klabbs, b’tali mod li s-suċċess finanzjarju ta’ kompetizzjoni jiddependi qabelxejn minn ċertu livell ta’ ugwaljanza bejn il-klabbs. Issa, id-distribuzzjoni mill-ġdid tad-dħul li joħroġ mill-ġestjoni kummerċjali tad-drittijiet li jirriżulta mill-kompetizzjonijiet sportivi

[78] Ara l-premessa 131 tad-deċiżjoni “Bejgħ ċentralizzat tad-drittijiet kummerċjali fuq iċ-Champions League tal-UEFA”.

tissodisfa dan l-għan ta' "ekwilibriju". B'hekk, jekk kull klabb ikun liberu li jiġġestixxi b'mod unilaterali d-drittijiet kummerċjali tiegħu kollha, inkluż dawk li jirriżultaw mill-parteċipazzjoni tiegħu f'kompetizzjonijiet bejn il-klabbs (pereżempju, id-drittijiet televiżivi), l-ekwilibriju bejn il-klabbs ikun ipperikolat.

167. Barra minn hekk, għandu jiġi nnotat li, kif irrilevat mill-Qorti tal-Ġustizzja, il-ġestjoni tad-drittijiet inkwistjoni fil-kawża prinċipali huma relatati ma' sport li għandu "importanza soċjali kunsiderevoli"[79]. B'din il-loġika, il-leġiżlatur tal-Unjoni adotta leġiżlazzjoni li tipprevedi b'mod partikolari l-possibbiltà, għal kull Stat Membru, li jirrikjedi li jkun hemm xandir miftuħ ta' avvenimenti sportivi meqjusa "ta' importanza kbira għas-soċjetà"[80].

168. Għall-istess raġunijiet bħal dawk mogħtija bħala risposta għall-ħames domanda preliminari, inqis li ma hemmx lok li tingħata risposta dwar l-eżistenza ta' xi ġustifikazzjonijiet f'dak li jirrigwarda l-Artikoli 101 u 102 TFUE. Għal raġunijiet ta' kompletezza, madankollu, għandu jiġi spjegat li, fid-deċiżjoni tagħha "Bejgħ ċentralizzat tad-drittijiet kummerċjali fuq iċ-Champions League tal-UEFA", il-Kummissjoni kkunsidrat li ftehim ta' ġestjoni ċċentralizzata mill-UEFA tad-drittijiet kummerċjali huwa kopert minn eżenzjoni individwali bis-saħħa tal-Artikolu 101(3) TFUE. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni kkunsidrat li l-konsumaturi jibbenefikaw minn dawn ir-regoli fis-sens li l-prodotti tal-midja relatati ma' din il-kompetizzjoni pan-Ewropea ta' klabbs tal-futbol jinbiegħu minn punt ta' bejgħ wieħed u li ma setgħux ikunu prodotti u mqassma b'xi mod ieħor b'mod daqstant effikaċi[81].

169. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li r-risposta li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tagħti għar-raba' domanda preliminari hija li l-Artikolu 101 TFUE u l-Artikolu 102 TFUE għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux l-Artikoli 67 u 68 tal-Istatuti tal-FIFA peress li r-restrizzjonijiet li jikkonċernaw il-kummerċjalizzazzjoni esklużiva tad-drittijiet relatati mal-kompetizzjonijiet organizzati mill-FIFA u mill-UEFA jidhru inerenti sabiex jintlaħqu l-għanijiet leġittimi relatati man-natura speċifika tal-isport u proporzjonati magħhom. Barra minn hekk, hija l-qorti tar-rinviju li għandha teżamina sa fejn l-artikoli inkwistjoni jistgħu jibbenefikaw mill-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 101(3) TFUE jew jekk hemmx ġustifikazzjoni oġġettiva ta' dan l-aġir fis-sens tal-Artikolu 102 TFUE.

### *6. Fuq is-sitt domanda preliminari*

170. Permezz tas-sitt domanda preliminari tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, fuq il-kompatibbiltà tar-regoli tal-FIFA u tal-UEFA dwar l-awtorizzazzjoni minn qabel tal-kompetizzjonijiet internazzjonali tal-futbol u dwar il-parteċipazzjoni tal-klabbs tal-futbol professjonali kif ukoll tal-plejers tagħhom mal-artikoli tat-Trattat FUE relatati mal-erba' libertajiet ekonomiċi fundamentali.

171. F'dan ir-rigward, hija ġurisprudenza stabbilita li l-projbizzjonijiet sabiex ma jiġux ippreġudikati l-libertajiet ekonomiċi fundamentali stabbiliti mit-Trattat FUE japplikaw mhux biss għal regoli ta' natura pubblika u, b'mod iktar ġenerali, għall-miżuri imputabbli għall-Istati Membri, iżda wkoll għal regoli jew miżuri ta' natura privata, inkluż regoli jew prattiki adottati

[79] Ara s-sentenza tal-15 ta' Diċembru 1995, Bosman (C-415/93, EU:C:1995:463, punt 106).

[80] Ara l-premessi 18 u 19 tad-Direttiva 97/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 1997 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 89/552/KEE dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti mil-liġi, minn regolamenti jew azzjoni amministrattiva fl-Istati Membri dwar l-eżerċizzju tal-attivitajiet tax-xandir televiżivi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 2, p. 321).

[81] Ara l-premessi 136 sa 196 tad-deċiżjoni "Bejgħ ċentralizzat tad-drittijiet kummerċjali fuq iċ-Champions League tal-UEFA".

minn federazzjonijiet sportivi[82]. B'hekk minn din il-ġurisprudenza jirriżulta li, filwaqt li l-federazzjonijiet sportivi huma liberi li jistabbilixxu r-regoli tagħhom, l-awtonomija li għandhom ma għandhiex tawtorizzahom jillimitaw l-eżerċizzju tad-drittijiet mogħtija mit-Trattat FUE.

172. Madankollu, minn ġurisprudenza daqstant stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li ċerti regoli jew prattiki adottati minn entitajiet (bħall-Kumitat Internazzjonali Olimpiku) jew minn federazzjonijiet (nazzjonali jew internazzjonali) sportivi għandhom jitqiesu bħala li qabelxejn huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat FUE relatati mal-libertajiet ekonomiċi fundamentali, sa fejn jirrigwardaw kwistjonijiet li jaffettwaw "biss l-isport" u, bħala tali, ma humiex relatati mal-attività ekonomika[83]. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li din l-"eċċezzjoni sportiva" għandha tibqa' limitata għall-għan proprju tagħha[84] u, għal din ir-raġuni, qieset li hija applikabbli, sa issa, biss meta jkun hemm numru limitat ħafna ta' regoli marbuta mal-"qalba" tal-attivitajiet sportivi[85]. Din l-eċċezzjoni ma tistax għalhekk tintuża sabiex teskludi attività sportiva sħiħa mill-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattat FUE. Peress li l-klassifikazzjoni ta' miżura bħala "eċċezzjoni sportiva" tneħħiha mill-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan it-Trattat u, għalhekk, minn kull skrutinju, hija meħtieġa interpretazzjoni restrittiva ta' dan il-kunċett.

173. Minn din il-ġurisprudenza jirriżulta li, minħabba dawn il-karatteristiċi, is-sistema ta' awtorizzazzjoni minn qabel prevista mill-UEFA ma tistax tibbenefika mill-"eċċezzjoni sportiva". B'hekk, anki jekk ma hemmx dubju dwar l-aspetti "sportivi" ta' din is-sistema, xorta jibqa' l-fatt li hija għandha wkoll (u mingħajr dubju) dimensjoni ekonomika, peress li, billi tagħti l-possibbiltà lill-UEFA li tikkontrolla u għalhekk li tirrifjuta l-aċċess għas-suq tal-organizzazzjoni tal-kompetizzjonijiet sportivi, dan jista' jkollu effett fuq il-libertajiet fundamentali.

174. Peress li r-regoli tal-UEFA inkwistjoni jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat FUE relatati mal-libertajiet ekonomiċi fundamentali, hemm lok li jiġu identifikati, minn naħa, liema huma l-libertajiet ikkonċernati u, min-naħa l-oħra, jekk dawn humiex ristretti.

175. F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li, fid-dawl tas-setgħa diskrezzjonali li għandha l-UEFA, li tippermettilha tiskrutinja l-aċċess għas-suq abbażi ta' kriterji li hija stess stabbilixxiet, ir-regoli ta' awtorizzazzjoni minn qabel u ta' parteċipazzjoni stabbiliti minn din il-federazzjoni jistgħu jkunu kkunsidrati bħala li jistgħu jillimitaw, l-ewwel, l-Artikoli 49 u 56 TFUE relatati mal-libertà ta' stabbiliment u mal-libertà li jiġu pprovduti servizzi ta' impriżi li jixtiequ jidħlu fis-suq tal-organizzazzjoni ta' kompetizzjonijiet sportivi. Dawn ir-regoli jista' għalhekk ikollhom effett negattiv fuq il-possibbiltà, għal organizzaturi ta' kompetizzjonijiet internazzjonali tal-futbol alternattivi bħall-ESLC, li jużaw is-servizzi ta' klabbs tal-futbol professjonali li jimpjegaw lil dawn il-plejers, li komplew jużaw is-servizzi tagħhom jew li qegħdin jippjanaw li jagħmlu dan, filwaqt li jkunu jafu li ma jistgħux jagħmlu dan jekk ma jkunx hemm awtorizzazzjoni, mill-FIFA jew mill-UEFA, tal-kompetizzjonijiet internazzjonali li jixtiequ jorganizzaw u jikkummerċjalizzaw.

82 Ara s-sentenza tat-13 ta' Ġunju 2019, TopFit u Biffi (C-22/18, EU:C:2019:497, punt 39 u l-ġurisprudenza ċċitata).

83 Ara s-sentenza tal-11 ta' April 2000, Deliège (C-51/96 u C-191/97, EU:C:2000:199, punti 43, 44, 64 u 69 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

84 Ara s-sentenza tat-8 ta' Mejju 2003, Deutscher Handballbund (C-438/00, EU:C:2003:255, punti 54 sa 56 u l-ġurisprudenza ċċitata).

85 Mill-ġurisprudenza ċċitata jirriżulta li din l-eċċezzjoni tapplika, prinċipalment, għal regolamenti jew prattiki ġġustifikati b'raġunijiet "mhux ekonomiċi", relatati man-natura u l-qafas speċifiċi ta' ċertu logħob jew mal-kompożizzjonijiet ta' timijiet sportivi.

176. It-tieni, ir-regoli inkwistjoni għandhom, minħabba sanzjonijiet ta’ esklużjoni previsti mir-regoli tal-UEFA, impatt fuq il-possibbiltà li għandhom il-klabbs stess li jorganizzaw kompetizzjoni tagħhom stess (sakemm din ma tkunx organizzata minn entità terza) kif ukoll li jagħtu s-servizzi tagħhom għal kompetizzjoni organizzata minn terzi.

177. It-tielet, ir-regoli ta’ awtorizzazzjoni minn qabel u ta’ parteċipazzjoni adottati mill-FIFA u mill-UEFA jistgħu wkoll jagħmlu inqas attraenti l-possibbiltà ta’ moviment liberu (fis-sens tal-Artikolu 45 TFUE), fil-każ tal-plejers, sabiex jagħtu s-servizzi tagħhom lil (jew jiġu impjegati minn) klabbs tal-futbol professjonali stabbiliti fi Stati Membri oħra differenti minn dak li tiegħu huma ċittadini, bħal dawk li huma membri tal-ESLC, sabiex dawn il-klabbs ikunu jistgħu jipparteċipaw f’kompetizzjoni internazzjonali li tikkompeti ma’ dawk li huma organizzati u kkummerċjalizzati mill-FIFA u mill-UEFA, bħall-ESL. Barra minn hekk, jekk dawn il-plejers jagħmlu dan, jistgħu jesponu ruħhom għal sanzjoni ta’ esklużjoni u, b’mod iktar wiesa’, għar-riskju li jsofru dannu fil-karriera professjonali tagħhom kif ukoll fl-attività ekonomika tagħhom.

178. Ir-raba’, anki jekk għandu rwol sekondarju meta mqabbel mal-libertà ta’ stabbiliment u mal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, il-moviment liberu tal-kapital stabbilit fl-Artikolu 63 TFUE jidher ukoll involut, peress li mid-deċiżjoni tar-rinviju kif ukoll mill-osservazzjonijiet tal-ESLC jirriżulta li l-ħolqien u l-iżvilupp tal-ESLC kienu jippreżupponu finanzjament sinjifikattiv li jingħata minn istituzzjonijiet finanzjarji stabbiliti fi Stati Membri differenti.

179. Hija l-qorti tar-rinviju li għandha teżamina l-kwistjoni tal-ġustifikazzjoni possibbli tar-regoli dwar awtorizzazzjoni minn qabel u dwar parteċipazzjoni inkwistjoni fil-kawża u, jekk ikun il-każ, in-natura adegwata, koerenti u proporzjonata tagħhom. F’dan ir-rigward inqis li din l-analiżi taqa’ fil-parti l-kbira tagħha ma’ dik magħmula fil-kuntest tal-analiżi tar-restrizzjonijiet inċidentali [86].

180. F’dan ir-rigward, infakkar, l-ewwel, li tali ġustifikazzjonijiet, naturalment, jistgħu jiġu invokati mill-federazzjonijiet sportivi li fil-konfront tagħhom il-libertajiet ekonomiċi fundamentali protetti mit-Trattat FUE huma invokati [87].

181. Fir-rigward, it-tieni, tal-għanijiet ta’ interess ġenerali li jistgħu jiġġustifikaw restrizzjonijiet imposti fuq il-libertajiet ekonomiċi fundamentali permezz ta’ regoli adottati minn federazzjonijiet sportivi, nirreferi għall-analiżi li saret fil-punti 93 u 94 ta’ dawn il-konklużjonijiet. Barra minn hekk, għandu jiġi rrilevat li ċertu numru ta’ għanijiet diġà ġew irrikonoxxuti mill-Qorti tal-Ġustizzja. Jidher li huma partikolarment rilevanti, f’dan il-każ, għanijiet li huma komuni għall-federazzjonijiet sportivi kollha, bħal dawk li jiżguraw li jkun hemm kompetizzjonijiet regolari [88] kif ukoll l-iżvolġiment tajjeb tagħhom permezz ta’ regoli u ta’ kriterji adattati [89]. Fl-opinjoni tiegħi, huma rilevanti wkoll l-għanijiet, li huma speċifiċi għal sport kollettiv bit-timijiet bħall-futbol, li jinżamm bilanċ bejn il-klabbs, li tiġi żgurata l-ugwaljanza tal-opportunitajiet u l-protezzjoni tal-inċertezza tar-riżultati [90].

182. F’dak li jirrigwarda, it-tielet, it-“test” tal-proporzjonalità, qabelxejn għandu jiġi nnotat li l-Qorti tal-Ġustizzja ma taċċettax il-legalità *per se* ta’ sistemi ta’ awtorizzazzjoni minn qabel u tevalwa każ b’każ ir-raġuni u l-proporzjonalità tagħhom, kif fuq kollox enfasizzat il-qorti

[86] Ara l-punti 95 sa 99 u 101 sa 110 ta’ dawn il-konklużjonijiet.

[87] Ara s-sentenza tal-15 ta’ Diċembru 1995, Bosman (C-415/93, EU:C:1995:463, punt 86).

[88] Ara, f’dan is-sens, is-sentenza tat-13 ta’ April 2000, Lehtonen u Castors Braine (C-176/96, EU:C:2000:201, punt 53).

[89] Ara, f’dan is-sens, is-sentenza tat-13 ta’ Ġunju 2019, TopFit u Biffi (C-22/18, EU:C:2019:497, punt 60 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

[90] Ara, f’dan is-sens, is-sentenza tal-15 ta’ Diċembru 1995, Bosman (C-415/93, EU:C:1995:463, punt 106).

tar-rinviju[91]. Minn din il-ġurisprudenza jirriżulta li, filwaqt li huma l-federazzjonijiet sportivi li għandhom jistabbilixxu r-regoli adattati sabiex ikun hemm l-iżvolġiment tajjeb tal-kompetizzjonijiet, dawn ir-regoli ma għandhomx imorru lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq l-għan li għandu jintlaħaq[92]. Dan ġie wkoll ikkonfermat fis-sentenza mogħtija reċentement mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża TopFit, fejn ġie deċiż li, sabiex sistema ta' awtorizzazzjoni minn qabel tkun iġġustifikata fid-dawl ta' dispożizzjonijiet relatati mal-libertajiet ta' moviment, din għandha, fi kwalunkwe każ, tkun ibbażata fuq kriterji oġġettivi, nondiskriminatorji u magħrufa minn qabel, b'tali mod li jkun limitat l-eżerċizzju tas-setgħa diskrezzjonali ta' federazzjoni sportiva sabiex din ma tintużax b'mod arbitrarju[93].

183. Għandu jiġi rrilevat li dawn il-kawżi kienu jirrigwardaw regoli li jipprevedu n-nuqqas ta' ammissjoni jew l-esklużjoni kompleta ta' atleti għal raġunijiet marbuta man-nazzjonalità tagħhom. Il-Qorti tal-Ġustizzja għalhekk qieset li tali regoli maħruġa minn federazzjonijiet sportivi li kienu jagħtu lok għal diskriminazzjoni abbażi tan-nazzjonalità kienu, min-natura tagħhom stess, sproporzjonati[94].

184. Għall-istess raġunijiet bħal dawk iċċitati fil-punti 111 sa 117 ta' dawn il-konklużjonijiet, jidhirli li s-sistema ta' awtorizzazzjoni minn qabel hija limitata għal dak li huwa neċessarju sabiex jiġu żgurati l-għanijiet leġittimi li għandhom jintlaħqu mill-UEFA.

185. Barra minn hekk, jiena nqis li l-istħarriġ tal-proporzjonalità ma jistax jinjora d-differenzi ċari li jeżistu "fid-dinamika ta' poter" bejn federazzjoni sportiva u plejer waħdu (amatorjali jew professjonali) u l-klabbs tal-futbol li jinkludu lil uħud mill-iktar b'saħħithom fuq livell dinji, fid-dawl tal-appoġġ pubbliku, l-attenzjoni mill-midja u l-finanzjament li minnu jibbenefikaw.

186. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li r-risposta li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tagħti għas-sitt domanda preliminari hija li Artikoli 45 TFUE, l-Artikolu 49 TFUE, l-Artikolu 56 TFUE u l-Artikolu 63 TFUE għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux l-Artikoli 22 u 71 sa 73 tal-Istatuti tal-FIFA kif ukoll l-Artikoli 49 u 51 tal-Istatuti tal-UEFA li jipprevedu li l-ħolqien ta' kompetizzjoni ġdida pan-Ewropea tal-futbol bejn klabbs tkun suġġetta għal sistema ta' awtorizzazzjoni minn qabel, sa fejn dan ir-rekwiżit huwa adattat u neċessarju għal dan il-għan, fid-dawl tal-karatteristiċi partikolari tal-kompetizzjoni ppjanata.

## V. Konklużjoni

187. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex twieġeb għad-domandi preliminari magħmula mill-Juzgado de lo Mercantil n.º 17 de Madrid (il-Qorti Kummerċjali ta' Madrid, Spanja) bil-mod segwenti:

1) L-Artikolu 101 TFUE u l-Artikolu 102 TFUE għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux l-Artikoli 22 u 71 sa 73 tal-Istatuti tal-Fédération internationale de futbol association (FIFA) u l-Artikoli 49 u 51 tal-Istatuti tal-Unjoni tal-Assoċjazzjonijiet Ewropej tal-Futbol (UEFA) li jipprevedu li l-ħolqien ta' kompetizzjoni ġdida pan-Ewropea tal-futbol bejn il-klabbs għandha tkun suġġetta għal sistema ta' awtorizzazzjoni minn qabel peress li,

91 Ara s-sentenza tat-22 ta' Jannar 2002, Canal Satélite Digital (C-390/99, EU:C:2002:34).

92 Ara s-sentenza tat-13 ta' Ġunju 2019, TopFit u Biffi (C-22/18, EU:C:2019:497, punt 60 u l-ġurisprudenza ċċitata).

93 Sentenza tat-13 ta' Ġunju 2019, TopFit u Biffi (C-22/18, EU:C:2019:497, punt 65).

94 Sentenza tat-13 ta' Ġunju 2019, TopFit u Biffi (C-22/18, EU:C:2019:497, punt 66).

fid-dawl tal-karatteristiċi tal-kompetizzjoni ppjanata, l-effetti restrittivi li jirriżultaw mill-imsemmija sistema jidhru inerenti u proporzjonati sabiex jilħqu l-għanijiet leġittimi li għandhom jintlaħqu mill-UEFA u mill-FIFA li huma relatati man-natura speċifika tal-isport.

2) L-Artikolu 101 TFUE u l-Artikolu 102 TFUE għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprojbixxux lill-FIFA, lill-UEFA, lill-federazzjonijiet membri tagħhom jew lil-ligs nazzjonali tagħhom milli joħorġu theddid ta' sanzjonijiet kontra klabbs affiljati ma' dawn il-federazzjonijiet meta dawn il-klabbs jipparteċipaw fi proġett sabiex tinħoloq kompetizzjoni ġdida pan-Ewropea tal-futbol bejn il-klabbs li għandha r-riskju li tippreġudika l-għanijiet li leġittimament għandhom jintlaħqu mill-imsemmija federazzjonijiet li tagħhom huma membri. Madankollu, is-sanzjonijiet ta' esklużjoni ta' plejers li ma għandhom l-ebda involviment fil-proġett inkwistjoni huma sproporzjonati, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda l-esklużjoni tagħhom mit-timijiet nazzjonali.

3) L-Artikolu 101 TFUE u l-Artikolu 102 TFUE għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux l-Artikoli 67 u 68 tal-Istatuti tal-FIFA peress li r-restrizzjonijiet li jikkonċernaw il-kummerċjalizzazzjoni esklużiva tad-drittijiet relatati mal-kompetizzjonijiet organizzati mill-FIFA u mill-UEFA jidhru inerenti sabiex jintlaħqu l-għanijiet leġittimi relatati man-natura speċifika tal-isport u proporzjonati magħhom. Barra minn hekk, hija l-qorti tar-rinviju li għandha teżamina sa fejn l-artikoli inkwistjoni jistgħu jibbenefikaw mill-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 101(3) TFUE jew jekk hemmx ġustifikazzjoni oġġettiva ta' dan l-aġir fis-sens tal-Artikolu 102 TFUE.

4) L-Artikoli 45 TFUE, l-Artikolu 49 TFUE, l-Artikolu 56 TFUE u l-Artikolu 63 TFUE għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux l-Artikoli 22 u 71 sa 73 tal-Istatuti tal-FIFA u l-Artikoli 49 u 51 tal-Istatuti tal-UEFA li jipprevedu li l-ħolqien ta' kompetizzjoni ġdida pan-Ewropea tal-futbol bejn klabbs tkun suġġetta għal sistema ta' awtorizzazzjoni minn qabel, sa fejn dan ir-rekwiżit huwa adattat u neċessarju għal dan il-għan, fid-dawl tal-karatteristiċi partikolari tal-kompetizzjoni ppjanata.